KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOBEK
ippreżentati fit-30 ta' April 2019[1]

Kawża C-620/17

Hochtief Solutions AG Magyarországi Fióktelepe
vs
Fővárosi Törvényszék

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Székesfehérvári Törvényszék (il-Qorti ta' Székesfehérvár, l-Ungerija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Kuntratti pubbliċi — Proċeduri ta' reviżjoni — Saħħa vinkolanti ta' deċiżjonijiet preliminari — Awtonomija proċedurali tal-Istati Membri — Rikors għal reviżjoni — Ekwivalenza u effettività — Responsabbiltà tal-Istati Membri għal-ksur tad-dritt tal-Unjoni li jirriżulta minn deċiżjoni tal-qrati nazzjonali — Nuqqas ta' rinviju skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE"

I. Introduzzjoni

1. Din il-kawża hija żieda oħra f'saga proċedurali pjuttost kumplessa li bħalissa tinsab fit-tielet episodju tagħha. Bi grad kunsiderevoli ta' simplifikazzjoni, l-*ewwel* episodju kien jittratta d-deċiżjonijiet nazzjonali oriġinali fuq il-mertu. F'dan l-episodju (jew l-istadju kontenzjuż), il-qorti nazzjonali tal-appell li kienet qiegħda tittratta l-kawża, il-Fővárosi Ítélőtábla (il-Qorti tal-Appell Reġjonali tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija), talbet il-gwida tal-Qorti tal-Ġustizzja[2]. B'nuqqas ta' qbil mal-mod li bih il-qrati nazzjonali allegatament applikaw (ħażin) din il-gwida fil-kontenzjuż fuq il-mertu, it-*tieni* stadju tal-kontenzjuż nazzjonali kien jirrigwarda rikors għal reviżjoni ppreżentat minn Hochtief Solutions AG Magyarországi Fióktelepe (iktar 'il quddiem "Hochtief Hungary").

2. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet imressqa fit-*tielet* stadju tal-kontenzjuż nazzjonali li jikkonċerna talba għad-danni mressqa minn Hochtief Hungary fuq żewġ raġunijiet. L-ewwel nett, fil-fehma ta' Hochtief Hungary, il-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija), li qiegħda taġixxi bħala qorti tal-appell fir-rikors għal reviżjoni fit-tieni stadju, kellha tawtorizza rikors għal reviżjoni sabiex tieħu inkunsiderazzjoni d-deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija iktar kmieni fl-istess kawża. It-tieni nett, din kellha tressaq talba ulterjuri għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex din tal-aħħar tkun tista' tiddetermina jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża, id-dritt tal-Unjoni kienx jeħtieġ reviżjoni.

3. Huwa f'dan il-kuntest li l-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mitluba tindirizza essenzjalment tliet settijiet ta' mistoqsijiet: l-ewwel wieħed, il-konsegwenzi, skont id-dritt tal-Unjoni, tan-nuqqas allegat tal-qrati nazzjonali aditi fuq il-mertu biex jimplimentaw korrettement id-deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja minħabba li kienu applikabbli diversi limitazzjonijiet proċedurali; it-tieni wieħed jekk

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Sentenza tat-18 ta' Ottubru 2012, Édukövízig u Hochtief Construction (C-218/11, EU:C:2012:643).

id-dritt tal-Unjoni jeħtieġx li rimedju straordinarju ta' reviżjoni, offrut mid-dritt nazzjonali f'ċerti sitwazzjonijiet, jiġi estiż ukoll għal ksur allegat tad-dritt tal-Unjoni f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali; u, it-tielet wieħed, numru ta' elementi marbutin mal-kundizzjonijiet tar-responsabbiltà tal-Istat Membru.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

4. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 89/665/KEE dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi [3] jeħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kontraenti jistgħu jiġu mistħarrġa effettivament u li dawn il-proċeduri ta' stħarriġ huma disponibbli għal kull persuna li jkollha jew kellha interess li tikseb kuntratt speċifiku għal provvista pubblika jew għal xogħlijiet pubbliċi u li tkun sofriet ħsara jew qiegħda f'riskju li ssofri ħsara minn ksur allegat.

5. L-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 92/13/KEE li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw għall-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar il-proċeduri ta' akkwist ta' entitajiet li joperaw fis-setturi ta' l-ilma, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni [4] jeħtieġ li l-Istati Membri għandhom jipprovdu s-setgħa biex jittieħdu miżuri provviżorji fir-rigward tal-proċedura għall-għoti ta' kuntratt jew l-implimentazzjoni ta' kull deċiżjoni meħuda mill-entità kontraenti u biex jiġu annullati deċiżjonijiet meħuda kontra l-liġi relatati mal-proċedura ta' għoti ta' kuntratt inkwistjoni, jew li jittieħdu tipi oħra ta' miżuri bil-għan li jiġi kkoreġut kwalunkwe ksur identifikat u jiġu pprevenuti danni għall-interess ikkonċernati. L-Istati Membri għandhom ukoll jipprevedu s-setgħa li jingħata kumpens lil persuni affettwati ħażin mill-ksur.

B. Id-dritt Ungeriż

6. It-Taqsimiet 6:548(1) u 6:549(1) tal-Polgári Törvénykönyvről szóló 2013. évi V. törvény (il-Liġi V tal-2013 dwar il-Kodiċi Ċivili) (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Ċivili") stabbiliti taħt it-titolu "Responsabbiltà għall-Azzjonijiet tal-Awtoritajiet Pubbliċi":

"Taqsima 6:548 (Responsabbiltà għall-azzjonijiet tal-awtoritajiet amministrattivi): (1) Responsabbiltà għad-danni kkawżati fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni amministrattiva għandha tiġi stabbilita biss jekk id-dannu jirriżulta mill-azzjonijiet jew mill-omissjonijiet fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika, u jekk id-dannu ma jistax jittaffa minn rimedji komuni jew minn azzjonijiet amministrattivi.

[…]

Taqsima 6:549 (Responsabbiltà għall-azzjonijiet tal-qrati, prosekuturi pubbliċi, nutara pubbliċi u marixxali tal-qorti): (1) Id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà għad-danni kkawżati fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni amministrattiva għandha tapplika *mutatis mutandis* għar-responsabbiltà għall-azzjonijiet tal-qrati u tal-prosekuturi pubbliċi […] Talba tista' titressaq biss jekk ir-rimedji komuni jkunu ġew eżawriti.

[…]"

3 Direttiva tal-Kunsill tal-21 ta' Diċembru 1989 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 246, rettifika fil-ĠU 2016, L 63, p. 44) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 89/665").

4 Direttiva tal-Kunsill tal-25 ta' Frar 1992 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 315) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 92/13").

7. It-Taqsima 260(1)(a) u (2) tal-Polgári perrendtartásról szóló 1952. évi III. törvény (l-Att III tal-1952 dwar il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) (iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Proċedurali Ċivili") tipprevedi dan li ġej:

"(1) Rikors għal reviżjoni jista' jiġi ppreżentat kontra sentenza finali jekk:

(a) il-parti tippreżenta kwalunkwe fatt jew prova, jew kwalunkwe deċiżjoni ta' qorti jew amministrattiva finali li l-qorti ma ħaditx inkunsiderazzjoni matul il-proċedura preċedenti, sakemm din kienet tkun għall-benefiċċju tagħha li kieku kienet ittieħdet inkunsiderazzjoni oriġinarjament;

[…]

(2) Skont il-paragrafu a) tas-Subtaqsima (1) iktar 'il fuq, kwalunkwe waħda mill-partijiet għandha tkun tista' tippreżenta rikors għal reviżjoni biss jekk hija ma kinitx setgħet tippreżenta l-fatt, il-prova jew id-deċiżjoni msemmija fih matul il-proċedura preċedenti mingħajr ma jista' jiġi attribwit lilha tort."

8. It-Taqsima 361(a) tal-Kodiċi Proċedurali Ċivili tipprovdi li:

"Il-*Kúria* [il-Qorti Suprema, l-Ungerija] għandha ssolvi l-ilmenti kostituzzjonali kif ġej:

a) jekk id-deċiżjoni tal-Alkotmánybíróság (il-Qorti Kostituzzjonali, l-Ungerija) hija għall-annullament ta' liġi jew ta' dispożizzjoni sostantiva, u l-kawża ġiet ġestita permezz ta' azzjoni (jew proċedura mhux ġudizzjarja) biss, ir-rikorrent għandu jiġi avżat bid-dritt tiegħu li jippreżenta rikors għal reviżjoni fi żmien tletin ġurnata quddiem il-qorti kompetenti tal-ewwel istanza."

III. Il-fatti, il-proċedura u d-domandi preliminari

9. Fil-25 ta' Lulju 2006, l-Észak-dunántúli Környezetvédelmi és Vízügyi Igazgatóság (id-Direttorat għall-Protezzjoni Ambjentali u l-Ġestjoni tal-Ilma Transdanubjan tat-Tramuntana, iktar 'il quddiem l-"awtorità kontraenti") ippubblika sejħa għal espressjoni ta' interess f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [5] għal kuntratt għal xogħlijiet pubbliċi dwar l-iżvilupp ta' infrastrutturi tat-trasport fiċ-ċentru intermodali tal-port kummerċjali nazzjonali ta' Győr-Gönyü. Is-sejħa għal espressjoni ta' interess kien fiha numru ta' kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni fil-proċedura ta' sejħa għall-offerti. B'mod partikolari, il-punt III.2.2. tas-sejħa għal espressjoni ta' interess stabbilixxa kriterju għall-kapaċità ekonomika u finanzjarja (iktar 'il quddiem ir-"rekwiżit ekonomiku"). Skont dan ir-rekwiżit, ir-riżultat tal-karta tal-bilanċ tal-kandidat ma setax ikun negattiv għal iktar minn darba fl-aħħar tliet snin finanzjarji sħaħ.

10. Hochtief Hungary hija l-fergħa Ungeriza ta' Hochtief Solutions AG, kumpannija Ġermaniża tal-kostruzzjoni li hija, min-naħa tagħha, sussidjarja tal-kumpannija omm Hochtief AG. Hochtief Hungary ma pparteċipatx fil-proċedura ta' sejħa għall-offerti. Permezz tad-deċiżjoni tal-14 ta' Awwissu 2006, l-awtorità kontraenti ddikjarat li kandidat wieħed biss, il-Hungarian Port 2006 Konzorcium, issodisfa l-kriterji ta' kwalifika kollha, għalhekk dan il-kandidat biss seta' jiġi mistieden biex jitfa' offerta.

5 Serje S, Nru 139-149325.

11. Fid-9 ta' Awwissu 2006, Hochtief Hungary kkontestat il-legalità tar-rekwiżit ekonomiku stabbilit fis-sejħa għal espressjoni ta' interess quddiem il-Közbeszerzési Döntőbizottság (il-Kumitat Arbitrali fil-qasam tal-Kuntratti Pubbliċi, l-Ungerija, iktar 'il quddiem il-"Kumitat Arbitrali"), bl-argument li r-rekwiżit ekonomiku kien kemm diskriminatorju kif ukoll mhux xieraq sabiex jissostanzja l-kapaċità finanzjarja tal-kandidati. Din fittxet ukoll l-annullament tas-sejħa għal espressjoni ta' interess u l-adozzjoni ta' ordni sabiex titnieda proċedura ta' sejħa għal offerti ġdida.

12. Fid-deċiżjoni tiegħu tal-25 ta' Settembru 2006, il-Kumitat Arbitrali kkunsidra li r-rekwiżit ekonomiku kien xieraq biex jistabbilixxi l-kapaċità ekonomika u finanzjarja tal-kandidati. Madankollu, bl-istess deċiżjoni, il-Kumitat Arbitrali impona multa ta' 8 000 000 forint Ungeriż (HUF) (madwar EUR 27 800) fuq l-awtorità kontraenti għall-ksur ta' dispożizzjonijiet oħra tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-kuntratti pubbliċi.

13. Fit-2 ta' Ottubru 2006, Hochtief Hungary talbet stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni tal-Kumitat Arbitrali quddiem il-Fővárosi Bíróság (it-Tribunal ta' Budapest, l-Ungerija) fir-rigward tal-konstatazzjonijiet tal-kumitat li jikkonċernaw il-kapaċità finanzjarja. Hochtief Hungary affermat li r-rekwiżit ekonomiku ma kienx xieraq biex jissostanzja l-kapaċità finanzjarja ta' impriża.

14. Fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Marzu 2010, il-Fővárosi Bíróság (it-Tribunal ta' Budapest) ċaħad it-talba għal stħarriġ ġudizzjarju ta' Hochtief Hungary. Għalkemm innota li din tal-aħħar kienet sostniet fl-ilment oriġinali tagħha quddiem il-Kumitat Arbitrali li l-valur nett ma kienx xieraq biex jissostanzja l-kapaċità finanzjarja, il-Fővárosi Bíróság (it-Tribunal ta' Budapest) xorta kkonstata li r-rekwiżit ekonomiku inkwistjoni kien kriterju xieraq biex jipprovdi informazzjoni fir-rigward tal-kapaċità finanzjarja tal-kandidati.

15. Hochtief Hungary appellat minn din is-sentenza tal-ewwel istanza quddiem il-Fővárosi Ítélőtábla (il-Qorti tal-Appell Reġjonali tal-Belt ta' Budapest). Din tal-aħħar issospendiet il-proċedura u ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

16. Fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Ottubru 2012, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "awtorità kontraenti hija awtorizzata sabiex tirrikjedi livell minimu ta' kapaċità ekonomika u finanzjarja b'riferiment għal wieħed jew diversi elementi partikolari tal-karta tal-bilanċ, sakemm dawn ikunu oġġettivament adegwati sabiex jinformaw dwar din il-kapaċità fuq livell ta' operatur ekonomiku u li dan il-livell ikun adegwat għall-importanza tal-kuntratt ikkonċernat fis-sens li jikkostitwixxi oġġettivament indikazzjoni pożittiva tal-eżistenza ta' bażi ekonomika u finanzjarja suffiċjenti sabiex isseħħ kif għandu jkun l-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt, mingħajr madankollu ma jmur lil hinn minn dak li huwa raġonevolment neċessarju għal dan il-għan. Ir-rekwiżit ta' livell minimu ta' kapaċità ekonomika u finanzjarja ma jistax, bħala prinċipju, jiġi skartat unikament minħabba li dan il-livell jirrigwarda element tal-karta tal-bilanċ li fir-rigward tiegħu jistgħu jeżistu diverġenzi bejn il-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri differenti"[6].

17. Fis-sentenza finali tagħha dwar din il-kwistjoni tat-18 ta' Ġunju 2013, il-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest) ikkonkludiet li, fid-dawl tad-deċiżjoni preliminari mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rekwiżit ekonomiku kien kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Il-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest) kompliet tinnota li n-neċessità u l-proporzjonalità tar-rekwiżit ekonomiku kienu ġew debitament eżaminati mill-Kumitat Arbitrali u kienu wkoll indirizzati fis-sentenza tal-ewwel istanza.

6 Sentenza tat-18 ta' Ottubru 2012, Édukövízig u Hochtief Construction (C-218/11, EU:C:2012:643, punt 32).

18. Fit-13 ta' Settembru 2013 Hochtief Hungary ppreżentat appell fuq punti ta' liġi quddiem il-Kúria (il-Qorti Suprema) kontra s-sentenza tat-tieni istanza. Hija argumentat li l-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest) ma eżaminatx l-adegwatezza oġġettiva tar-rekwiżit ekonomiku. F'dan il-kuntest, Hochtief Hungary talbet lill-Kúria (il-Qorti Suprema) tirrinvija l-kawża għal deċiżjoni preliminari dwar il-kwistjoni ta' jekk il-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest) kellhiex id-dritt li ma teżaminax l-adegwatezza oġġettiva tal-kriterji ta' kwalifika mingħajr ma tressaq talba ġdida għal deċiżjoni preliminari.

19. Permezz tas-sentenza tad-19 ta' Marzu 2014, il-Kúria (il-Qorti Suprema) ċaħdet l-appell fuq punti ta' liġi fuq il-bażi li l-ilment kontra r-rekwiżit ekonomiku kien tardiv peress li Hochtief Hungary ma qajmitx din il-kwistjoni fl-ilment oriġinali tagħha quddiem il-Kumitat Arbitrali, iżda qajmitha biss fis-sottomissjonijiet sussegwenti tagħha. L-unika kwistjoni li ġiet imqajma fil-ħin minn Hochtief Hungary fir-rigward tar-rekwiżit ikkontestat kienet in-natura diskriminatorja tiegħu, u għalhekk dan l-aspett biss kellu jiġi evalwat.

20. Sussegwentement, Hochtief Hungary, ippreżentat ilment kostituzzjonali quddiem l-Alkotmánybíróság (il-Qorti Kostituzzjonali), u ppreżentat ukoll rikors għal reviżjoni quddiem il-Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (il-Qorti Amministrattiva u Industrijali tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija).

21. L-ewwel nett, fil-kuntest tal-ilment kostituzzjonali, Hochtief Hungary affermat li d-drittijiet tagħha għal smigħ xieraq u għal rimedju effettiv kienu ġew miksura. Din argumentat li l-Kúria (il-Qorti Suprema) kellha tagħmel domandi ulterjuri lill-Qorti tal-Ġustizzja. Fid-9 ta' Frar 2015, l-Alkotmánybíróság (il-Qorti Kostituzzjonali) iddikjarat l-ilment kostituzzjonali inammissibbli. Id-dritt għal rimedju effettiv invokat minn Hochtief Hungary ma kienx jiggarantixxi dritt għal deċiżjoni speċifika u kienet il-Kúria (il-Qorti Suprema) li kellha tiddeċiedi jekk talba għal deċiżjoni preliminari kinitx neċessarja.

22. It-tieni nett, fir-rigward tar-rikors għal reviżjoni, Hochtief Hungary kkontestat in-nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-adegwatezza tar-rekwiżit ekonomiku u talbet għall-ftuħ mill-ġdid tal-proċeduri ta' stħarriġ ġudizzjarju fl-intier tagħhom, l-annullament tas-sentenzi kollha preċedenti u l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida. Din talbet ukoll lill-Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (il-Qorti Amministrattiva u Industrijali tal-Belt ta' Budapest) biex tressaq talba għal deċiżjoni preliminari ġdida dwar il-kwistjoni ta' jekk deċiżjoni preliminari tistax tiġi injorata mingħajr rinviju ġdid.

23. Permezz tad-digriet tagħha tat-8 ta' Mejju 2015, il-Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (il-Qorti Amministrattiva u Industrijali tal-Belt ta' Budapest) iddikjarat ir-rikors għal reviżjoni inammissibbli, filwaqt li ma kkunsidratx li kien neċessarju li jkun hemm rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja. Din innotat li l-fatti li fuqhom ibbażat ruħha Hochtief Hungary fir-rikors tagħha għal reviżjoni ma kinux ġodda. Il-qrati fil-kawża prinċipali diġà kienu jafuhom u diġà kienu evalwawhom. Permezz tat-talba tagħha għal reviżjoni, Hochtief Hungary kienet qiegħda tfittex l-istħarriġ ġudizzjarju tal-pożizzjoni legali meħuda mill-Kúria (il-Qorti Suprema), li kienet kwistjoni ta' liġi u mhux ta' fatt. Reviżjoni ma hijiex imfassla biex tikkoreġi l-iżbalji allegati fl-applikazzjoni tad-dritt.

24. Hochtief Hungary sussegwentement ippreżentat appell mid-digriet għal inammissibbiltà tal-Fővárosi Közigazgatási és Munkaügyi Bíróság (il-Qorti Amministrattiva u Industrijali tal-Belt ta' Budapest) quddiem il-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest), il-konvenuta fil-kawża ineżami. Din tal-aħħar ikkonfermat id-deċiżjoni tal-ewwel istanza fid-digriet tagħha tat-18 ta' Novembru 2015. Din ikkonfermat li r-rimedju straordinarju ta' reviżjoni kien intiż li jirrettifika żbalji fattwali u mhux żbalji fl-applikazzjoni tad-dritt. Il-fatti rilevanti baqgħu l-istess matul il-katina kollha tal-proċeduri u dawn ġew evalwati f'kull stadju.

25. Eventwalment, Hochtief Hungary ppreżentat rikors għad-danni quddiem il-qorti tar-rinviju, is-Székesfehérvári Törvényszék (il-Qorti ta' Székesfehérvár, l-Ungerija), għad-dannu allegat ikkawżat mid-deċiżjoni tal-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest) fil-kapaċità tagħha bħala qorti tal-appell fir-rikors għal reviżjoni. Hochtief Hungary issostni li l-fatt li r-rikors għal reviżjoni ġie ddikjarat inammissibbli jmur kontra kemm id-dritt nazzjonali kif ukoll id-dritt tal-Unjoni u għandu jwassal għal danni fil-forma tal-ispejjeż legali li setgħu jiġu rrimborsati li kieku ġiet awtorizzata reviżjoni u li kieku Hochtief Hungary finalment rebħet.

26. Huwa f'dan il-kuntest fattwali u legali li s-Székesfehérvári Törvényszék (il-Qorti ta' Székesfehérvár) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel id-domandi li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1. Il-prinċipji fundamentali u d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni Ewropea (b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) TUE, u r-rekwiżit ta' interpretazzjoni uniformi), kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni, b'mod partikolari fis-sentenza mogħija fil-kawża Köbler, għandhom jiġu interpretati fis-sens li dikjarazzjoni ta' responsabbiltà minn qorti tal-aħħar istanza ta' Stat Membru permezz ta' sentenza li tikser id-dritt tal-Unjoni, tista' tkun ibbażata esklużivament fuq id-dritt nazzjonali jew fuq il-kriterji stabbiliti mid-dritt nazzjonali? F'każ li r-risposta tkun waħda negattiva, il-prinċipji fundamentali u d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari t-tliet kriterji stabbiliti mill-[Qorti tal-Ġustizzja] fil-kawża Köbler għall-finijiet ta' dikjarazzjoni ta' responsabbiltà tal-"Istat", għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-evalwazzjoni mill-qrati tal-imsemmi Stat Membru dwar jekk ġewx issodisfati r-rekwiżiti għar-responsabbiltà tal-Istat Membru għal ksur tad-dritt tal-Unjoni għandha ssir abbażi tad-dritt nazzjonali?

2. Il-prinċipji fundamentali u d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni (b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) TUE, u r-rekwiżit ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva), b'mod partikolari s-sentenzi tal-[Qorti tal-Ġustizzja] fil-qasam tar-responsabbiltà tal-Istat Membru mogħtija *inter alia*, fil-kawżi Francovich, Brasserie du pêcheur u Köbler, għandhom jiġu interpretati fis-sens li s-saħħa ta' *res judicata* ta' sentenzi li jiksru d-dritt tal-Unjoni mogħtija mill-qrati tal-aħħar istanza tal-Istat Membru teskludi d-dikjarazzjoni ta' responsabbiltà għad-danni kontra l-Istat Membru?

3. Fid-dawl tad-Direttiva [89/665], kif emendata bid-Direttiva 2007/66/KE[7], u tad-Direttiva [92/13], huma rilevanti għall-finijiet tad-dritt tal-Unjoni l-proċedura ta' reviżjoni fil-qasam tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi ta' valur li jeċċedi l-limiti Komunitarji u l-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni amministrattiva adottata fl-imsemmija proċedura? F'każ li r-risposta tkun waħda pożittiva, huma rilevanti għad-dritt tal-Unjoni u l-ġurisprudenza tal-[Qorti tal-Ġustizzja] (*inter alia*, is-sentenzi mogħtija fil-kawżi Kühne & Heitz, Kapferer u speċjalment Impresa Pizzarotti) fir-rigward tan-neċessità ta' reviżjoni, bħala proċedura straordinarja, li tirriżulta mid-dritt nazzjonali marbut mal-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni amministrattiva adottata fl-imsemmija proċedura ta' reviżjoni fil-qasam tal-għoti ta' kuntratt pubbliku?

4. Id-direttivi dwar il-proċedura tal-appell fil-qasam tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi (jiġifieri, id-Direttiva [89/665], kif emendata bid-Direttiva [2007/66], u d-Direttiva [92/13]) għandhom jiġu interpretati fis-sens li hija konformi magħhom dispożizzjoni nazzjonali li tistabbilixxi li l-qrati nazzjonali aditi bil-kawża principali jistgħu ma jieħdux inkunsiderazzjoni fatt li għandu jiġi eżaminat fid-dawl ta' sentenza tal-[Qorti tal-Ġustizzja] — mogħtija fi proċedura għal deċiżjoni preliminari fl-ambitu ta' reviżjoni fil-qasam tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi —, fatt li barra minn hekk lanqas ma jittieħed inkunsiderazzjoni mill-qrati nazzjonali meta jiddeċiedu kawża li tinbeda wara li tkun inbdiet proċedura għal reviżjoni kontra deċiżjoni adottata fil-kawża prinċipali?

7 Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2007 li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/665/KEE u 92/13/KEE.

5. Id-Direttiva [89/665], b'mod partikolari l-Artikolu 1(1) u (3) u d-Direttiva [92/13], b'mod partikolari l-Artikoli 1 u 2 tagħha — b'mod partikolari, fid-dawl tas-sentenzi mogħtija fil-kawżi Willy Kempter, Pannon GSM u VB Pénzügyi Lízing, kif ukoll Kühne & Heitz, Kapferer u Impresa Pizzarotti—, għandhom jiġu interpretati fis-sens li hija konformi mal-imsemmija direttivi u mar-rekwiżit ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva u mal-prinċjipji ta' ekwivalenza u ta' effettività, dispożizzjoni nazzjonali, jew applikazzjoni tagħha, li skontha, minkejja li tkun ngħatat sentenza tal-[Qorti tal-Ġustizzja] mogħtija fi proċedura ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari qabel l-għoti ta' sentenza fil-proċedura tat-tieni istanza tkun tistabbilixxi interpretazzjoni rilevanti tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, il-qorti adita bil-kawża tiċħadha bħala intempestiva u sussegwentement il-qorti adita bil-proċedura ta' reviżjoni ma tilqax ir-reviżjoni?

6. Jekk, skont id-dritt nazzjonali, għandha tintlaqa' r-reviżjoni sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid il-kostituzzjonalità permezz ta' deċiżjoni ġdida tal-qorti kostituzzjonali, ma għandiex allura tintlaqa' r-reviżjoni, b'mod konformi mal-prinċipju ta' ekwivalenza u l-prinċipju sanċit fis-sentenza Transportes Urbanos, f'każ li ma setgħtex tittieħed inkunsiderazzjoni sentenza tal-[Qorti tal-Ġustizzja] fil-kawża prinċipali minħabba d-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali dwar it-termini proċedurali?

7. Id-Direttiva tal-Kunsill [89/665], b'mod partikolari l-Arikolu 1(1) u (3) [tagħha], u d-Direttiva [92/13], b'mod partikolari l-Artikoli 1 u 2 tagħha, fid-dawl tas-sentenza tal-[Qorti tal-Ġustizzja] C-2/06, Willy Kempter, li skontha parti fil-kawża ma hijiex obbligata tinvoka b'mod speċifiku l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-proċeduri ta' reviżjoni fil-qasam tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi rregolati mill-imsemmija direttivi jistgħu jinbdew biss permezz ta' rikors li jkun jinkludi deskrizzjoni espressa tal-ksur marbut mal-għoti ta' kuntratti pubbliċi invokat u, barra minn hekk, li jindika b'mod preċiż ir-regola tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi li tkun ġiet miksura, billi jispeċifika n-numru tal-artikolu u tal-paragrafu u li, fi proċedura ta' reviżjoni fil-qasam tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi jista' jiġi eżaminat biss dak il-ksur tar-regoli dwar l-għoti tal-kuntratti li jkun ġie indikat mir-rikorrent b'riferiment għad-diżpożizzjoni miksura billi jindika n-numru tal-artikolu u tal-paragrafu, filwaqt li f'kull proċedura oħra, amministrattiva jew ċivili, ikun biżżejjed li l-parti fil-kawża tippreżenta l-fatti u l-provi li jsostnuhom, u l-awtorità jew qorti kompetenti tiddeċiedi r-rikors skont il-kontenut tiegħu?

8. Ir-rekwiżit ta' 'ksur suffiċjentement serju', żviluppat fis-sentenzi Köbler u Traghetti, għandu jitqies bħala li ma hemmx tali ksur meta l-qorti tal-aħħar istanza, bi ksur manifest tal-ġurisprudenza stabbilita u deskritta b'mod preċiż ħafna mill-Qorti tal-Ġustizzja – li barra minn hekk ġiet approvata minn diversi opinjonijiet legali – tiċħad it-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn parti fil-kawża marbuta man-neċessità li tintlaqa' r-reviżjoni minħabba r-raġuni assurda li d-dritt tal-Unjoni – b'mod partikolari d-Direttiva [89/665] u d-Direttiva [92/13] – ma jinkludi l-ebda regola fuq ir-reviżjoni, minkejja li din in-neċessità ġiet ukoll murija bl-ikbar dettall fil-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja, inkluż fis-sentenza Impresa Pizzarotti, li ġustament tiddikjara n-neċessità ta' reviżjoni marbuta mal-proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku? Liema huwa l-grad ta' preċiżjoni, fid-dawl tas-sentenza Cilfit *et* (283/81, EU:C:1982:335), li għandu jkollha l-motivazzjoni tal-qorti nazzjonali meta din ma' tilqax ir-reviżjoni, filwaqt li ma tosservax interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' natura vinkolanti?

9. Il-prinċipji ta' rimedju effettiv u ta' ekwivalenza, fis-sens tal-Artikolu 19 TUE u 4(3) TUE, kif ukoll il-libertà ta' stabbiliment u li jiġu pprovduti servizzi sanċiti fl-Artikolu 49 TFUE, u d-Direttiva tal-Kunsill 93/37/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993, li tikkonċerna l-koordinament tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi, kif ukoll id-Direttivi [89/665, 92/13 u 2007/66], għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jippermettu li awtoritajiet u qrati aditi jiċħdu sistematikament, filwaqt li jinjoraw b'mod manifest id-dritt tal-Unjoni applikabbli, l-appelli ppreżentati mir-rikorrent wara li dan ma tħallhiex jipparteċipa fil-proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku, meta dawn l-appelli jirrikjedu, skont il-każ, il-produzzjoni ta' diversi noti b'investiment

kbir ta' ħin u ta' flus, u l-parteċipazzjoni f'seduti, u li, anki jekk fit-teorija teżisti l-possibbiltà li tiġi stabbilita r-responsabbiltà minħabba danni kkawżati fl-eżerċizzju ta' funzjoni ġudizzjarja, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni tostakola lir-rikorrent milli jitob mingħand il-qorti l-ħlas tad-danni subiti minnu minħabba miżuri illegali?

10. Il-prinċipji żviluppati fis-sentenzi Köbler, Traghetti u Saint Giorgio għandhom jiġu interpreatti fis-sens li ma jistgħux jiġu rriżaċiti d-danni kkawżati mill-fatt li l-qorti tal-aħħar istanza, bi ksur tal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, ma laqgħetx ir-reviżjoni miltuba f'ħin utli minn parti u li fil-kuntest tagħha l-imsemmija parti setgħet titlob ir-rimbors tal-ispejjeż sostuni minnha?"

27. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn Hochtief Hungary, mill-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest), mill-Gvernijiet tal-Greċja, tal-Ungerija u tal-Polonja u mill-Kummissjoni Ewropea. Bl-eċċezzjoni tal-Gvernijiet tal-Greċja u tal-Polonja, il-partijiet l-oħra kollha ppreżentaw argumenti orali fis-seduta li nżammet fil-21 ta' Novembru 2018.

IV. Evalwazzjoni

28. Dawn il-konklużjonijiet huma strutturati kif ġej. Ser nibda b'numru ta' kjarifiki neċessarji (A). Sussegwentement ser nindirizza wara xulxin it-tliet settijiet ta' kwistjonijiet li jiġbru flimkien l-għaxar domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju: *l-ewwel nett*, il-portata tal-obbligu tal-qrati nazzjonali li jimplimentaw deċiżjonijiet preliminari, speċjalment fil-kuntest ta' diversi dispożizzjonijiet proċedurali li l-eżekuzzjoni tagħhom tista' tfixkel l-implimentazzjoni sħiħa ta' dawn id-deċiżjonijiet preliminari fi stadji differenti ta' proċedura ġudizzjarja nazzjonali (B); *it-tieni nett*, (in-nuqqas ta)l-eżistenza, fiċ-ċirkustanzi ta' kawża bħal dik ineżami, ta' dritt għal reviżjoni bħala kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni, meta sentenza mogħtija preċedentement mill-Qorti tal-Ġustizzja, wara talba għal deċiżjoni preliminari fl-ambitu tal-istess proċedura, ma tkunx allegatament eżegwita b'mod korrett mill-qrati nazzjonali aditi bil-kawża fuq il-mertu (Ċ); *it-tielet nett*, diversi elementi ta' responsabbiltà tal-Istat Membru għal nuqqasijiet allegati tal-qrati nazzjonali li japplikaw id-dritt tal-Unjoni b'mod korrett (D).

A. Rimarki introduttorji

1. L-ammissibbiltà tad-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju

29. Skont il-konvenuta, id-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju huma inammissibbli. Id-deċiżjoni tar-rinviju ma tiddikjarax ir-raġunijiet għalfejn l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni hija meħtieġa fil-kawża ineżami. Lanqas ma ssemmi r-rabta bejn id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni u l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni.

30. Skont ġurisprudenza stabbilita, id-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest leġiżlattiv u fattwali li hija tiddefinixxi taħt ir-responsabbiltà tagħha, u li ma huwiex id-dmir tal-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika l-eżattezza tiegħu, igawdu minn preżunzjoni ta' rilevanza. Konsegwentement, peress li d-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja bħala prinċipju hija obbligata li tagħti deċiżjoni [8]. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tippermettilha tiddeċiedi t-tilwima li jkollha quddiemha [9].

8 Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-31 ta' Jannar 2017, Lounani (C-573/14, EU:C:2017:71, punt 56); tat-8 ta' Marzu 2018, Saey Home & Garden (C-64/17, EU:C:2018:173, punt 18); u tat-13 ta' Ġunju 2018, Deutscher Naturschutzring (C-683/16, EU:C:2018:433, punt 29).

9 Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-11 ta' Settembru 2014, B. (C-394/13, EU:C:2014:2199, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tas-26 ta' April 2017, Farkas (C-564/15, EU:C:2017:302, punt 38).

31. X'aktarx, il-kawża ineżami tpoġġi dawn il-prinċipji għal test serju f'numru ta' aspetti. Għall-kuntrarju tal-konvenuta, madankollu, nissuġġerixxi li, wara riformulazzjoni, id-domandi tal-qorti tar-rinviju huma ammissibbli, bl-eċċezzjoni tas-seba' u tad-disa' domanda.

32. L-ewwel nett, huwa fil-fatt minnu li d-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju huma mfassla bi stil kumpless u kemxejn imħawwad. Madankollu, wara riformulazzjoni, jidher li dawn id-domandi jirrigwardaw it-tliet settijiet ta' kwistjonijiet li ġejjin.

33. Ir-raba' u l-ħames domanda essenzjalment jirrigwardaw il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' diversi limiti nazzjonali marbutin mal-iżvolġiment ta' diversi stadji ta' proċeduri ġudizzjarji nazzjonali. Jidher li t-tħaddim ta' dawn ir-regoli proċedurali jista' jillimita l-implimentazzjoni sħiħa ta' deċiżjonijiet preliminari mogħtija preċedentement matul il-kawża prinċipali.

34. It-tielet u s-sitt domanda jistaqsu, essenzjalment, jekk huwiex kompatibbli mar-rekwiżiti ta' ekwivalenza u ta' effettività li ma tiġix ikkunsidrata deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija preċedentement fil-kawża prinċipali li allegatament ma kinitx ġiet implimentata f'dik il-proċedura bħala raġuni possibbli għal reviżjoni.

35. L-ewwel, it-tieni, it-tmien u l-għaxar domanda huma marbutin ma' diversi elementi tar-responsabbiltà tal-Istat Membru għall-allegat nuqqas tal-qrati nazzjonali, b'mod partikolari l-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest).

36. It-tieni nett, filwaqt li jsir raggruppament u riformulazzjoni tad-domandi, huwa wkoll neċessarju li jiġi enfasizzat li, iddikjarati mill-ġdid b'dan il-mod, id-domandi huma marbutin esklużivament mal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Id-domandi kif ifformulati mill-qorti tar-rinviju fihom numru ta' evalwazzjonijiet u inferenzi fattwali jew ċirkustanzjali stabbiliti minn qabel. B'risposta għad-domandi magħmula b'dan il-mod, il-Qorti tal-Ġustizzja tkun għalhekk effettivament mistiedna tevalwa ċerta interpretazzjoni tal-fatti jew tad-dritt nazzjonali, jew anki tappoġġja s-suġġerimenti dwar ċerti prattiki fuq livell nazzjonali. Dan ma huwiex, madankollu, ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-proċedura għal deċiżjoni preliminari. Hija biss il-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa l-fatti [10]. Għalhekk, nixtieq nenfasizza b'mod ċar li r-risposti li ser jingħataw hawnhekk huma marbutin biss mal-elementi tad-dritt tal-Unjoni invokati mill-qorti tar-rinviju permezz tat-tliet settijiet ta' kwistjonijiet identifikati iktar 'il fuq. Dawn bl-ebda mod ma japprovaw jew jappoġġjaw id-dikjarazzjonijiet u l-evalwazzjonijiet fattwali li jinsabu fid-domandi kif inhuma oriġinarjament ifformulati.

37. It-tielet nett, kwistjoni oħra potenzjali dwar l-ammissibbiltà tikkonċerna r-rilevanza ta' wħud mid-domandi mal-kawża prinċipali. Skont ġurisprudenza stabbilita, ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi dwar talba għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandha ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha [11].

38. Fil-kawża ineżami, kif ikkonfermat fis-seduta, is-suġġett quddiem il-qorti tar-rinviju huwa, preċiżament, id-dannu allegatament ikkawżat mill-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest), bħala l-qorti (tal-aħħar istanza) li kellha tiddeċiedi fuq il-ftuħ mill-ġdid tal-kawża, kemm bir-rifjut tagħha li tiftaħ mill-ġdid il-kawża u kemm minħabba n-nuqqas tagħha li tressaq talba ġdida

10 Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-18 ta' Lulju 2007, Lucchini (C-119/05, EU:C:2007:434, punt 43); tas-26 ta' Mejju 2011, Stichting Natuur en Milieu *et* (C-165/09 sa C-167/09, EU:C:2011:348, punt 47); u tas-26 ta' April 2017, Farkas (C-564/15, EU:C:2017:302, punt 37).

11 Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-31 ta' Jannar 2017, Lounani (C-573/14, EU:C:2017:71, punt 56); tat-8 ta' Marzu 2018, Saey Home & Garden (C-64/17, EU:C:2018:173, punt 18); u tat-13 ta' Ġunju 2018, Deutscher Naturschutzring (C-683/16, EU:C:2018:433, punt 29).

għal deċiżjoni preliminari qabel ma għamlet dan. Għalhekk, jista' jiġi ssuġġerit li d-domandi li ma humiex direttament marbutin mal-azzjoni għal responsabbiltà pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju għandhom jiġu ddikjarati inammissibbli, peress li dawn ma humiex direttament relatati mas-suġġett speċifiku tat-tilwima quddiem il-qorti tar-rinviju.

39. Insibha diffiċli biex naċċetta tali loġika stretta. Fuq livell strutturali, dan ikun jikkuntrasta ma approċċ pjuttost ġeneruż tal-Qorti tal-Ġustizzja għar-rilevanza tad-domandi magħmula mill-qrati nazzjonali [12]. L-"ispirtu ta' kooperazzjoni" u l-"preżunzjoni ta' rilevanza" jkunu għalhekk effettivament issostitwiti mill-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-qorti nazzjonali, tal-portata tal-kawża u tal-proċedura tal-istess qorti nazzjonali u, fuq din l-interpretazzjoni (ta' liġi u fatti nazzjonali), tiddeċiedi liema domandi din il-qorti għandha l-permess li tagħmel.

40. Barra minn hekk, fuq il-livell tal-kawża ineżami, tali approċċ bilkemm huwa xieraq għall-kuntest speċifiku tal-kawża ineżami. Id-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju huma tabilħaqq parti minn storja ġudizzjarja interkonnessa u kumplessa. Ma hijiex biċċa xogħol faċli li, sempliċement fuq il-bażi tad-deċiżjoni tar-rinvinju, wieħed jinnaviga bejn u jissepara l-kumplessitajiet kollha tal-isfond proċedurali nazzjonali f'din il-kawża, speċjalment fir-rigward tal-iżvolġiment tal-proċeduri nnifishom. *A fortiori*, jista' jkun għalhekk iżjed diffiċli li jiġi stabbilit kategorikament liema minn dawn l-istadji proċedurali huwa jew ma huwiex rilevanti għal azzjoni għad-danni.

41. Kif diġà sar riferiment għalihom fl-introduzzjoni f'dawn il-konklużjonijiet, effettivament kien hemm tliet "stadji" [13] ta' kontenzjuż. L-ewwel stadju kien jinvolvi numru ta' deċiżjonijiet fuq il-mertu. Dan kien jikkonsisti fl-istħarriġ (amministrattiv) quddiem il-Kumitat Arbitrali, segwit mis-sentenzi tal-ewwel u tat-tieni istanza u, sussegwentement, mill-appell fuq il-punti ta' liġi quddiem il-Kúria (il-Qorti Suprema) u l-ilment kostituzzjonali. It-tieni stadju kien jinvolvi rikors għal reviżjoni, flimkien mal-proċedura ta' appell f'dan ir-rigward. It-tielet stadju jinkludi r-rikors fil-kawża prinċipali, jiġifieri r-responsabbiltà tal-Istat Membru għan-nuqqasijiet allegati tal-qrati nazzjonali.

42. It-tliet stadji huma kollha marbutin minn linja komuni: in-nuqqas allegat mill-qrati nazzjonali, matul dawn l-istadji differenti, milli jikkonformaw ruħhom ma' deċiżjoni preliminari mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja matul l-ewwel stadju. Evidentement, ma jkun hemm l-ebda tieni stadju, jew *a fortiori* l-ebda tielet stadju, mingħajr il-ksur allegat li seħħ fl-ewwel stadju. Għalhekk, l-indirizzar – li bħalissa għadu pendenti – tat-tielet stadju u, b'mod iktar wiesa', tal-konsegwenzi li jirriżultaw min-nuqqas allegat li tiġi implimentata d-deċiżjoni preliminari mogħtija fl-ewwel stadju, neċessarjament jeħtieġ teħid inkunsiderazzjoni tal-proċeduri nazzjonali fl-intier tagħhom. Ikun tabilħaqq diffiċli li l-proċeduri jinqasmu b'mod artifiċjali peress li l-irregolaritajiet potenzjali mwettqa fl-ewwel stadju jinfirxu fit-tieni stadju u dawk fit-tieni stadju jinfirxu fit-tielet wieħed. Jew, jekk wieħed jimxi bil-kontra, jekk ma jkun hemm l-ebda obbligu li ssir reviżjoni bħala kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni, mela allura t-tielet stadju tal-kontenzjuż effettivament jitlef l-għan tiegħu. Ulterjorment, jekk potenzjalment ma kien hemm l-ebda nuqqas fl-ewwel stadju, mela ż-żewġ stadji l-oħra jsiru futili u t-tweġiba marbuta mal-obbligi tal-qrati nazzjonali f'dan l-ewwel stadju effettivament tantiċipa l-ħtieġa għal kwalunkwe interpretazzjoni ulterjuri tad-dritt tal-Unjoni.

43. Barra minn hekk, huwa wkoll diffiċli li wieħed iħares lejn il-qorti tat-tieni istanza (malli rċeviet id-deċiżjoni preliminari) mingħajr ma jieħu wkoll inkunsiderazzjoni l-istħarriġ amministrattiv mill-Kumitat Arbitrali peress li r-raġuni ewlenija għan-nuqqas ta' applikazzjoni b'mod sħiħ tad-deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja tidher li tinstab fir-regola proċedurali li tillimita

12 Iċċitati iktar 'il fuq fin-noti ta' qiegħ il-paġna 8 u 9.

13 Nixtieq nenfasizza li t-terminu "stadju" huwa sempliċement it-taqsira tiegħi għat-tliet fażijiet distinti tal-kontenzjuż fil-kuntest tal-kawża ineżami.

l-portata tat-tilwima ġudizzjarja għal talbiet inizjalment imressqa quddiem dan il-kumitat [14]. Skont din ir-regola, it-talbiet kollha marbutin ma' inkompatibbiltà allegata tal-proċedura ta' sejħa għal offerti mad-dritt tal-Unjoni għandhom ikunu diġà ġew imqajma quddiem il-Kumitat Arbitrali. L-ebda talba ġdida ma tista' sussegwentement tiġi mressqa quddiem il-qrati li jeżaminaw id-deċiżjoni ta' dan tal-aħħar bħal, fil-kawża ineżami, il-qrati tal-ewwel u tat-tieni istanza.

44. F'tali ċirkustanzi, insibha diffiċli li kategorikament niddikjara li domandi relatati mal-ewwel jew mat-tieni stadju tal-kontenzjuż nazzjonali huma inammissibbli peress li ma għandhom l-ebda relazzjoni mal-proċedura pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju. Ċertament dawn huma relatati.

45. Dan espost, jista' biss jiġi rripetut li ċertament ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddetermina jekk il-qrati nazzjonali applikawx b'mod korrett id-dritt tal-Unjoni – u wisq inqas id-dritt nazzjonali – f'kull wieħed mill-istadji. Lanqas ma hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tevalwa jekk il-mogħdija proċedurali magħżula minn Hochtief Hungary kinitx korretta jew jekk din kellhiex tressaq azzjoni għal responsabbiltà direttament kontra l-Kúria (il-Qorti Suprema), wara l-ewwel stadju, kif issuġġerixxa l-Gvern Ungeriż fis-seduta.

46. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, fuq l-applikazzjoni tal-ġurisprudenza standard tal-Qorti tal-Ġustizzja [15], f'konformità mar-riformulazzjoni u mal-interpretazzjoni tad-domandi esposti iktar 'il fuq [16], id-domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju huma ammissibbli, ħlief għas-seba' u għad-disa' domanda.

47. Is-seba' domanda speċifikament tikkonċerna l-livell ta' preċiżjoni li t-talbiet għal stħarriġ (amministrattiv) quddiem il-Kumitat Arbitrali għandhom jilħqu. Permezz ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju tipprova tiddetermina jekk tali talbiet għandhomx jinkludu deskrizzjoni espressa tal-ksur u jindikaw preċiżament id-dispożizzjoni speċifika miksura filwaqt li, fi kwalunkwe proċedura amministrattiva u ċivili oħra, ikun biżżejjed li jiġu ppreżentati l-fatti u l-provi li jssostnuhom.

48. Anki bil-konċessjonijiet kollha li ngħataw, ma nistax nara kif is-seba' domanda tkun ta' xi rilevanza għas-soluzzjoni ta' din it-tilwima. L-ebda parti ma ssuġġeriet, inkluż Hochtief Hungary, li r-regola inkwistjoni kienet tant stretta li tkun tagħmilha impossibbli jew eċċessivament diffiċli li jiġi applikat id-dritt tal-Unjoni, speċjalment fil-forma ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li ngħatat preċedentement, u li tiġi żgurata protezzjoni ġudizzjarja effettiva fi kwistjonijiet ta' kuntratti pubbliċi. Sempliċement ma hemmx informazzjoni ulterjuri fuq kif din ir-regola tkun rilevanti għall-finijiet tal-kawża ineżami.

49. Id-disa' domanda tikkonċerna min-naħa tagħha l-kwistjoni ta' jekk id-dritt tal-Unjoni jippermettix li awtoritajiet u qrati nazzjonali jiċħdu b'mod konsistenti r-rikorsi ppreżentati minn Hochtief Hungary f'kuntest fejn dawn ir-rikorsi jiswew ħafna flus u jieħdu ħafna ħin u fejn il-leġiżlazzjoni rilevanti nazzjonali allegatament tipprevjeni lir-rikorrenti milli jitolbu d-danni għall-ħsara kkawżata minn qrati nazzjonali fl-eżerċizzju tal-funzjoni ġudizzjarja tagħhom.

50. Permezz ta' din id-domanda, il-qorti nazzjonali ma hijiex effettivament qiegħda tagħmel domanda, iżda pjuttost qiegħda tfittex l-approvazzjoni ta' numru ta' preżunzjonijiet fattwali (li huma pjuttost wisgħin u radikali).

14 Għandu jiġi nnotat li dan l-istadju jista' wkoll ikun rilevanti għal raġuni oħra f'dan il-kuntest peress li l-Kummissjoni ssuġġeriet fis-seduta li forsi jista' jkun hemm obbligu, fuq il-bażi tal-ġurisprudenza Kühne & Heitz, biex jinfetaħ mill-ġdid l-istħarriġ *amministrattiv* quddiem il-Kumitat Arbitrali (ara, iktar 'il quddiem it-Taqsima C ta' dawn il-konklużjonijiet).

15 Esposti iktar 'il fuq, punti 30 u 37 ta' dawn il-konklużjonijiet.

16 Punti 31 sa 36 iktar 'il fuq.

2. Nota terminoloġika

51. Fil-verżjoni bl-Ingliż (kif ukoll f'xi oħrajn) tad-domandi kif ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*[17], il-kelma "review" ("stħarriġ") intużat biex tirreferi għat-tipi differenti ta' rimedji diskussi fil-kawża ineżami. Il-problema bl-użu indiskriminat ta' tali kunċett ġeneriku hija li dan huwa nieqes mill-preċiżjoni fir-rigward tal-kwistjoni ta' għal liema tip ta' rimedju ġudizzjarju qiegħed isir riferiment (u għal liema stadju), b'mod partikolari fid-distinzjoni bejn l-ewwel stadju tal-kontenzjuż (l-isħarriġ ġudizzjarju fuq il-mertu fis-sens proprju) u t-tieni stadju (ftuħ mill-ġdid jew reviżjoni). Għalhekk, it-terminoloġija li ġejja ser tintuża matul dawn il-konklużjonijiet.

52. "Stħarriġ amministrattiv" jirreferi għall-proċedura quddiem il-Kumitat Arbitrali, li mid-dehra kien l-ewwel korp li evalwa l-legalità tar-rekwiżit ekonomiku.

53. "Stħarriġ ġudizzjarju" jirreferi għall-kontroll ġudizzjarju tad-deċiżjoni amministrattiva meħuda mill-Kumitat Arbitrali quddiem il-qrati nazzjonali, fl-ewwel "stadju", fid-deċiżjoni fuq il-mertu tal-kawża. Dan ovvjament jinkludi l-ewwel u t-tieni istanzi. Dan jinkludi wkoll appelli fuq punti ta' liġi, bħala rimedju straordinarju. Minkejja n-natura speċifika tiegħu, dan tal-aħħar għadu fil-fatt ikkonċernat mis-suġġett (primarju) tal-kawża, jiġifieri l-legalità tad-deċiżjoni meħuda mill-Kumitat Arbitrali.

54. It-terminu "reviżjoni" ser jintuża biex jirreferi għar-rimedju straordinarju li huwa l-qofol tat-tieni "stadju". Din normalment tikkonsisti fil-ftuħ mill-ġdid u fir-reviżjoni ta' kawża meta sussegwentement ikun jidher li ċerti elementi ma ttieħdux inkunsiderazzjoni, minkejja l-eżistenza ta' deċiżjoni finali li għandha l-awtorità ta' *res judicata* mogħtija fl-ewwel "stadju" fuq il-mertu. Fil-kuntest tal-kawża ineżami, reviżjoni tirreferi għall-proċedura prevista fit-Taqsima 260 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Ungeriż.

B. L-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja fi proċedura ġudizzjarja nazzjonali li għadha għaddejja.

55. Ir-raba' u l-ħames domanda essenzjalment jirrelataw mal-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' diversi limiti proċedurali stabbiliti mid-dritt nazzjonali li jistgħu jipprevjenu l-eżekuzzjoni sħiħa u korretta ta' deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fil-kawża ineżami. B'ċertu livell ta' rikostruzzjoni, qiegħed nifhem li r-raba' domanda qiegħda tistaqsi dwar il-kompatibbilta mad-dritt tal-Unjoni ta' regoli proċedurali nazzjonali li allegatament jipprevjenu t-teħid inkunsiderazzjoni ta' *fatti ġodda f'ċertu livell ta' stħarriġ*. Għalhekk, jekk gwida fil-forma ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tingħata fuq talba ta' qorti nazzjonali fil-livell ta' appell, fejn normalment l-ebda fatt ġdid ma jista' jiġi vverifikat, bl-eżekuzzjoni ta' din ir-regola proċedurali nazzjonali, tali tip ta' evalwazzjoni ma tkunx iktar possibbli. Sussegwentement il-ħames domanda tiffoka iktar fuq *punti ġodda ta' liġi* li jistgħu jiġu miċħuda bħala *tardivi*, jew quddiem qorti ogħla jew fl-istħarriġ ġudizzjarju nnifsu, jekk l-istess argumenti jew punti legali ma jkunux diġà saru matul l-istħarriġ amministrattiv.

56. Fi kliem ieħor, iż-żewġ elementi huma, b'xi mod jew ieħor, relatati mad-distribuzzjoni tal-kompiti fis-sistema ġudizzjarja (u/jew amministrattiva) u mal-ekonomija tal-proċedura. Huwa naturali, kemm fis-sistema ta' protezzjoni ġuridika nazzjonali kif ukoll f'dik tal-Unjoni, li mhux kwalunkwe u kull fatt jew argument legali jista' jiġi invokat fi kwalunkwe stadju tal-proċedura. Hemm regoli ġenerali relatati ma', pereżempju, il-portata tal-istħarriġ jew il-konċentrazzjoni ta' sottomissjonijiet orali permissibbli, ċertament hekk kif kawża tavvanza fis-sistema ġudizzjarja.

17 ĠU 2018, C 22, p. 26.

57. Madankollu, li ma huwiex normali huwa li tali regoli jiġu invokati biex jiġi ġġustifikat ir-rifjut potenzjali tal-implimentazzjoni ta' gwida mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja f'deċiżjoni preliminari bis-saħħa biss tal-fatt li tali gwida wasslet f'ċertu livell ta' stħarriġ ġudizzjarju nazzjonali fil-kawża prinċipali. F'din it-taqsima, ser nispjega għalfejn, b'mod ġenerali [18], tali bbażar fuq dawn ir-regoli huwa tassew żbaljat u ma jistax jiġi aċċetat jekk gwida mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiġi implimentata b'mod korrett.

58. Permezz ta' dan, l-ewwel ser infakkar il-portata tal-obbligu tal-qrati nazzjonali li jeżegwixxu deċiżjoni meħuda mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar deċiżjoni preliminari u biex japplikaw il-gwida li tinsab fiha (1). Sussegwentement ser indur għar-regola proċedurali nazzjonali li tidher li hija r-raġuni ewlenija għalfejn id-deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja ma kinitx allegatament applikata b'mod sħiħ fl-ewwel stadju (2). Finalment, ser neżamina jekk, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża ineżami, tali regola proċedurali għandhiex tiġi annullata fuq il-bażi li din tfixkel l-implimentazzjoni korretta tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (3).

1. L-obbligi tal-qrati nazzjonali wara deċiżjoni preliminari

59. Skont ġurisprudenza stabbilita, deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja hija vinkolanti fuq il-qorti nazzjonali, dwar l-interpretazzjoni jew il-validità tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea inkwistjoni, għas-soluzzjoni tal-*kawża prinċipali* [19]. L-Aritkolu 267 TFUE jeżiġi li l-qorti tar-rinviju tagħti *effett sħiħ* lill-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja [20].

60. Lil hinn minn dan it-tip ta' effett vinkolanti ta' deċiżjoni preliminari, li jista' jiġi kklassifikat bħala *inter partes*, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dejjem u b'mod espliċitu kkonfermat biss is-saħħa vinkolanti *erga omnes* ta' dikjarazzjonijiet ta' invalidità ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni [21].

61. Madankollu l-istess loġika ta' *inter partes* testendi kompletament ukoll għal kwalunkwe stadju ġudizzjarju sussegwenti *fl-istess* kawża prinċipali. Għalhekk, jekk il-gwida mill-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mitluba minn, pereżempju, qorti tal-ewwel istanza, mela allura qorti tal-appell jew qorti suprema, adita sussegwentement bl-istess kawża, tkun ukoll marbuta mill-gwida mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża. Fl-opinjoni tiegħi, din hija estensjoni tal-effett vinkolanti *inter partes*, minħabba li s-suġġett għadu l-istess kawża bl-istess fatti u domandi legali magħmula. Dan ma huwiex l-effett *erga omnes* ("tellief" fin-natura tiegħu) f'kawżi oħra li jikkonċernaw fatti u partijiet oħra iżda hija l-interpretazzjoni tal-istess dispożizzjonijiet legali tad-dritt tal-Unjoni [22].

18 Għal darba oħra, kif diġà esponejt b'mod ġenerali iktar 'il fuq, fil-punt 36, fl-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ġenerali tar-regoli, filwaqt li ma jiġix approvat jew ikkonfermat li kwalunkwe nuqqas bħal dan effettivament seħħ fil-kawża individwali. Kwalunkwe evalwazzjoni bħal din għandha ssir mill-qorti tar-rinviju.

19 Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 2010, Elchinov (C-173/09, EU:C:2010:581, punt 29), u tas-16 ta' Ġunju 2015, Gauweiler *et* (C-62/14, EU:C:2015:400, punt 16).

20 Ara, pereżempju, is-sentenza tal-5 ta' Lulju 2016, Ognyanov (C-614/14, EU:C:2016:514, punt 28).

21 Ara, pereżempju, fir-rigward tal-effetti ta' deċiżjoni preliminari li tiddikjara l-att ta' istituzzjoni bħala null, is-sentenzi tat-13 ta' Mejju 1981, International Chemical Corporation (66/80, EU:C:1981:102, punti 12 u 13) u tas-27 ta' Frar 1985, Société des produits de maïs (112/83, EU:C:1985:86, punt 16).

22 Ara, pereżempju, is-sentenzi tas-27 ta' Marzu 1963, Da Costa *et* (28/62 sa 30/62, EU:C:1963:6), u tal-4 ta' Novembru 1997, Parfums Christian Dior (C-337/95, EU:C:1997:517, punt 29).

62. Dan ifisser speċjalment, fil-prattika, li jekk id-dikjarazzjoni interpretattiva li tinsab f'deċiżjoni preliminari teżiġi li l-qorti nazzjonali twettaq ċertu tip ta' evalwazzjoni, din l-evalwazzjoni għandha sussegwentement titwettaq sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta ta' din is-sentenza u, għalhekk, l-applikazzjoni xierqa tad-dritt tal-Unjoni [23]. Dan huwa *a fortiori* l-każ meta l-Qorti tal-Ġustizzja *espliċitament* tħalli f'idejn, fid-dispożittiv tas-sentenza, il-qorti tar-rinviju biex tivverifika ċerti elementi sabiex tiġi stabbilita l-kompatibbiltà tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni.

2. Awtonomija u effettività proċedurali nazzjonali

63. Fis-sottomissjonijiet tiegħu, il-Gvern Ungeriż jibbaża b'mod estensiv fuq il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali nazzjonali biex jenfasizza li huwa kull Stat Membru li għandu jfassal regoli u rimedji proċedurali. Dan ikompli jafferma li f'kawżi preċedenti, inkluż deċiżjoni relatata ma' Hochtief AG [24], il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat diversi limitazzjonijiet proċedurali fuq l-istħarriġ ġudizzjarju fir-rigward taż-żmien meta rikors jista' jiġi ppreżentat u taħt liema kundizzjonijiet.

64. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam, huwa kull Stat Membru, skont il-prinċipju ta' awtonomija proċedurali, li għandu jindika l-qrati kompetenti u li għandu jirregola l-modalitajiet proċedurali għar-rimedji ġudizzjarji maħsuba sabiex jiġi żgurat il-ħarsien tad-drittijiet li l-partijiet f'kawża jgawdu bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, hija wkoll ġurisprudenza stabbilita li, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, ir-regoli ddettaljati proċedurali tar-rikorsi intiżi sabiex jiżguraw il-protezzjoni ta' drittijiet li għandhom il-partijiet f'kawża bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni, ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jikkonċernaw rikorsi simili ta' natura interna (prinċipju ta' ekwivalenza) u ma għandhomx jagħmlu prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċili l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (prinċipju ta' effettività) [25].

65. Barra minn hekk, kull dispożizzjoni ta' ordinament ġuridiku nazzjonali jew kull prassi, leġiżlattiva, amministrattiva jew ġudizzjarja, li jkollha l-effett li tnaqqas l-effettività tad-dritt tal-Unjoni peress li l-qorti li tkun kompetenti biex tapplika dan id-dritt tiġi mċaħħda mis-setgħa li tagħmel, fil-mument stess ta' din l-applikazzjoni, dak kollu li jkun neċessarju sabiex jiġu eskluż i d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali li eventwalment ikunu ta' ostakolu għall-effettività sħiħa tar-regoli direttament applikabbli tal-Unjoni, huma inkompatibbli ma' dawn ir-rekwiżiti li huma s-sustanza nnifisha tal-Unjoni Ewropea [26]. B'mod partikolari, ir-regoli proċedurali nazzjonali ma jistgħux jostakolaw il-kompetenza u l-obbligi ta' qorti nazzjonali abbażi tal-Artikolu 267 TFUE [27].

23 Dan ovvjament ma jipprekludix lill-qorti tar-rinviju jew lil kwalunkwe qorti nazzjonali oħra milli tiddeċiedi fl-istess proċedura, milli tressaq talba oħra għal deċiżjoni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, jekk ikunu tal-opinjoni li tali talba hija għal kwalunkwe raġuni neċessarja – ara, pereżempju, is-sentenzi tal-24 ta' Ġunju 1969, Milch-, Fett- und Eierkontor (29/68, EU:C:1969:27, punt 3) u tal-11 ta' Ġunju 1987, X (14/86, EU:C:1987:275, punt 12). Kif stabbilit fl-Artikolu 104(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja: "[h]uma l-qrati nazzjonali li għandhom jevalwaw jekk deċiżjoni preliminari tagħtihomx biżżejjed kjarifiki jew jekk jidhrilhomx li jkun neċessarju li jerġgħu jagħmlu rinviju ġdid lill-Qorti tal-Ġustizzja." Fi kliem iktar dirett, wara deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-għażliet li jkun baqa' għall-qorti tar-rinviju huma jew li tapplika l-gwida jew li terġa' tagħmel rinviju fil-każ ta' nuqqas ta' qbil. It-twarrib tal-gwida mogħtija ma hijiex waħda mill-għażliet.

24 Sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Hochtief (C-300/17, EU:C:2018:635).

25 Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-10 ta' Lulju 2014, Impresa Pizzarotti (C-213/13, EU:C:2014:2067, punt 54); tas-6 ta' Ottubru 2015, Târșia (C-69/14, EU:C:2015:662, punt 26 u 27); u tal-24 ta' Ottubru 2018, XC *et* (C-234/17, EU:C:2018:853, punti 21 u 22).

26 Ara, pereżempju, is-sentenzi tad-9 ta' Marzu 1978, Simmenthal (106/77, EU:C:1978:49, punt 22); tat-22 ta' Ġunju 2010, Melki u Abdeli (C-188/10 u C-189/10, EU:C:2010:363, punt 44); u tal-4 ta' Diċembru 2018, The Minister for Justice and Equality u Commissioner of the Garda Síochána (C-378/17, EU:C:2018:979, punt 36).

27 Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 2010, Elchinov (C-173/09, EU:C:2010:581, punt 25); tal-15 ta' Jannar 2013, Križan *et* (C-416/10, EU:C:2013:8, punt 67); u tat-18 ta' Lulju 2013, Consiglio Nazionale dei Geologi u Autorità Garante della Concorrenza e del mercato (C-136/12, EU:C:2013:489, punt 32).

66. Applikata għall-kwistjoni tal-istrutturar ta' sistemi nazzjonali ta' appelli u rimedji, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tirrispetta ħafna t-tradizzjonijiet legali nazzjonali differenti u d-diversità tas-sistemi amministrattivi u ġudizzjarji tal-Istati Membri. Għalhekk, sistema ġudizzjarja nazzjonali tista' tkun iktar investigattiva jew iktar akkużatorja u tiddeċiedi sa fejn din tapplika l-prinċipju *iura novit curia*. Bl-istess mod, il-portata ta' stħarriġ ġudizzjarju tista' normalment tiġi limitata għall-motivi li ġew invokati mill-partijiet fl-istadju tal-istħarriġ amministrattiv.

67. Kif iddikjarat il-Qorti tal-Ġustizzja d-dritt tal-Unjoni ma jeħtieġx li l-qrati nazzjonali jinvokaw *ex officio* motiv ibbażat fuq il-ksur ta' dispożizzjonijiet ta' dan id-dritt, meta l-eżami ta' dan il-motiv jobbligahom jabbandunaw ir-rwol passiv mogħti lilhom billi jmorru lil hinn mil-limiti tat-tilwima ddefiniti mill-partijiet u billi jibbażaw ruħhom fuq fatti u ċirkustanzi differenti minn dawk li fuqhom il-parti li għandha interess li tapplika l-imsemmija dispożizzjonijiet ibbażat it-talba tagħha [28]. B'mod partikolari, "[il]-prinċipju ta' effettività ma jimponix […] dmir fuq il-qrati nazzjonali li jqajmu motiv ibbażat fuq dispożizzjoni Komunitarja *ex officio*, indipendentement mill-importanza tagħha għall-ordinament ġurdiku Komunitarju, meta l-partijiet jingħataw opportunità ġenwina li jqajmu motiv ibbażat fuq id-dritt Komunitarju quddiem qorti nazzjonali" [29].

68. Għalhekk, fil-kuntest ta' stħarriġ ġudizzjarju fi kwistjonijiet ta' kuntratti pubbliċi, il-Qorti tal-Ġustizzja reċentement ikkonfermat li l-Istati Membri huma intitolati li jistabbilixxu regoli proċedurali li jillimitaw stħarriġ ġudizzjarju fiż-żmien jew fil-portata sabiex tiġi żgurata l-effettività u l-ħeffa ta' dan l-istħarriġ sakemm, permezz ta' dan, ma jagħmlux prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-dritt għal azzjoni legali [30]. Għalhekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, id-dirtt tal-Unjoni ma jipprekludix, fil-kuntest ta' rikors għad-danni, regola proċedurali nazzjonali li tillimita l-istħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet arbitrali mogħtija mill-Kumitat Arbitrali responsabbli fl-ewwel istanza mill-istħarriġ tad-deċiżjonijiet adottati mill-awtoritajiet kontraenti fl-ambitu tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi li jiġu eżaminati biss motivi invokati quddiem dan il-kumitat [31].

69. Isegwi li limitazzjoni proċedurali simili għandha wkoll tkun b'mod ġenerali possibbli, *mutatis mutandis*, fil-kuntest ta' rikors għal annullament, bħal dak ippreżentat fl-ewwel stadju ta' din il-kawża: skont id-dritt tal-Unjoni, il-qrati nazzjonali responsabbli mill-istħarriġ tad-deċiżjonijiet ta' kumitat arbitrali mitlub biex jeżamina rikorsi għal annullament kontra deċiżjonijiet adottati minn awtoritajiet kontraenti fl-ambitu tal-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi jistgħu jiċħdu bħala inammissibbli kwalunkwe motiv ġdid li ma ġiex invokat quddiem dan il-kumitat.

3. L-implimentazzjoni ta' deċiżjoni preliminari

70. Għalhekk, b'mod ġenerali u fil-kawżi li ma jinvolvux deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri meta kawża timxi b'mod normali f'sistema amministrattiva u ġudizzjarja nazzjonali, limitazzjonijiet proċedurali ta' dan it-tip huma, taħt il-kundizzjonijiet deskritti fit-taqsima preċedenti, fil-fatt possibbli. Dan il-kwadru, madankollu, jinbidel b'mod sinjifikattiv jekk, f'tali proċedura, tingħata gwida mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-forma ta' deċiżjoni preliminari.

71. Għall-kuntrarju tas-suġġerimenti tal-Gvern Ungeriż, tali kawża tieqaf tkun waħda li primarjament tinvolvi limitazzjonijiet proċedurali fl-isfera ta' awtonomija proċedurali nazzjonali, li għaliha l-ġurisprudenza diskussa fit-taqsima preċedenti tista' tiġi applikata b'mod mekkaniku. Minflok, din issir kawża li tinvolvi l-implimentazzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

28 Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 1995 van Schijndel u van Veen (C-430/93 u C-431/93, EU:C:1995:441, punt 22); tas-7 ta' Ġunju 2007, van der Weerd *et* (C-222/05 sa C-225/05, EU:C:2007:318, punt 36); u tas-26 ta' April 2017, Farkas (C-564/15, EU:C:2017:302, punt 32).

29 Sentenza tas-7 ta' Ġunju 2007, van der Weerd *et* (C-222/05 sa C-225/05, EU:C:2007:318, punt 41).

30 Ara s-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Hochtief (C-300/17, EU:C:2018:635, punti 50 sa 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Ara s-sentenza tas-7 ta' Awwissu 2018, Hochtief (C-300/17, EU:C:2018:635, punt 58).

72. Mela xi jkun ifisser tali kuntest differenti f'kawża bħal dik ineżami? Xi jkun ifisser, b'mod partikolari, għall-kwistjonijiet imqajma mill-qorti tar-rinviju, bħal regoli nazzjonali li jipprevjenu t-teħid inkunsiderazzjoni ta' *fatti ġodda f'ċertu livell ta' stħarriġ* (ir-raba' domanda) u/jew l-impossibbiltà li jiġu invokati *punti ġodda ta' liġi* fi stadju iktar tard tal-istħarriġ jekk dawn ma jkunux ġew invokati quddiem l-awtorità amministrattiva (il-ħames domanda)?

73. Qabel kollox nixtieq ninnota li, sa fejn il-ħames domanda hija kkonċernata, fil-kuntest ta' din is-sitwazzjoni, il-partijiet jidhru li ressqu debitament quddiem il-Kumitat Arbitrali l-argument fir-rigward tan-nuqqas ta' adegwatezza tar-rekwiżit ekonomiku, li huwa l-qofol tat-tilwima [32].

74. Madankollu, anki li kieku dan ma kienx fattwalment stabbilit, fatt li għandu ċertament jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali, fil-fehma tiegħi, ir-risposta ta' prinċipju għaż-żewġ domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju hija relattivament diretta: tali regoli nazzjonali ta' limitazzjoni jistgħu naturalment jinżammu, *sakemm* huwa żgurat li qorti nazzjonali ser timplimenta u tapplika b'mod sħiħ il-gwida mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża li fiha tkun ġiet mitluba deċiżjoni preliminari.

75. Dan jista' jseħħ f'numru ta' modi. Jekk il-qorti nazzjonali li talbet id-deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-ġurisdizzjoni neċessarja għal dan it-tip ta' stħarriġ skont id-dritt nazzjonali (bħal biex teżamina l-adegwatezza ta' rekwiżit ekonomiku), mela allura din għandha twettaq dan l-eżami hija stess u turi fil-motivazzjoni tagħha li hija għamlet dan. Jekk l-imsemmija qorti ma jkollha l-ebda ġurisdizzjoni f'dan ir-rigward, minħabba li hija, pereżempju, qorti tal-appell jew il-qorti suprema li l-istħarriġ tagħha huwa limitat u/jew ma tistax tevalwa kwalunkwe prova ġdida, u kwalunkwe evalwazzjoni bħal din hija xorta rilevanti għall-kawża ineżami, mela allura diversi għażliet jistgħu jkunu disponibbli għal tali qorti nazzjonali. L-ewwel nett, din tista' tannulla d-deċiżjoni inkwistjoni u tibgħat lura l-kawża quddiem l-awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja xierqa li għandha l-ġurisdizzjoni skont id-dritt nazzjonali biex teżamina l-adegwatezza tar-rekwiżit ekonomiku f'konformità mad-deċiżjoni preliminari (jiġifieri, il-qorti tal-ewwel istanza, jekk għandha l-ġurisdizzjoni li tevalwa kwistjonijiet ta' fatt, jew il-Kumitat Arbitrali). Sussidjarjament, il-qorti nazzjonali inkwistjoni għandha tannulla r-regoli proċedurali nazzjonali li jillimitaw il-ġurisdizzjoni tagħha u twettaq tali evalwazzjoni hija stess. L-għażla bejn dawn l-għażliet differenti tibqa' f'idejn kull Stat Membru, sakemm awtorità nazzjonali, kemm jekk amministrattiva kif ukoll jekk ġudizzjarja, fl-aħħar mill-aħħar tiżgura l-applikazzjoni korretta tad-deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja [33].

76. Madankollu, li żgur ma jistax jiġri huwa li, permezz tal-eżekuzzjoni mekkanika tar-regoli nazzjonali ta' limitazzjoni, l-implimentazzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fuq livell nazzjonali tinbidel f'sitwazzjoni paradossali, li fiha ħadd ma jaċċetta r-responsabbli li jiżgura l-eżekuzzjoni effettiva ta' deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja.

4. Konklużjoni intermedjarja

77. Isegwi li l-Artikolu 4(3) TUE u l-Artikolu 267 TFUE jeħtieġu li qorti nazzjonali, fl-implimentazzjoni ta' deċiżjoni preliminari preċedentement mitluba lill-Qorti tal-Ġustizzja, timplimenta b'mod sħiħ il-gwida li tkun tinsab fiha. Jekk l-eżekuzzjoni tal-gwida tal-Qorti tal-Ġustizzja teħtieġ li titwettaq evalwazzjoni ta' ċertu tip jew portata, li normalment ma titwettaqx mill-qorti tar-rinviju inkwistjoni, din il-qorti hija obbligata jew li ma tapplikax ir-regoli proċedurali nazzjonali li jillimitaw il-kompetenza tagħha f'dan ir-rigward jew li tannulla u tirrinvija l-kawża f'livell ġudizzjarju jew anki amministrattiv xieraq fejn tali evalwazzjoni tista' titwettaq b'mod sħiħ.

32 Punt 11 ta' dawn il-konklużjonijiet.

33 Jiġifieri, ċertament ma għandux ikun hemm lok għal "kunflitt ta' kompetenza fin-negattiv", li fih l-ebda korp jew qorti ma taċċetta eventwalment ir-responsabbli – ara, fuq l-istess linja, il-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Link Logistik N&N (C-384/17, EU:C:2018:494, punti 111 u 112).

C. (L-obbligu ta') reviżjoni

78. B'ħarsa issa lejn il-kwistjonijiet relatati mat-tieni stadju tal-kontenzjuż nazzjonali, it-tielet u s-sitt domanda jistaqsu jekk huwiex kompatibbli mal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva l-fatt li allegazzjoni li sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fl-ewwel stadju (fuq talba għal deċiżjoni preliminari mill-qorti tal-appell) ma tteħditx debitament inkunsiderazzjoni f'dan l-istadju, ma tiġix ikkunsidrata bħala raġuni possibbli għal reviżjoni. B'mod partikolari, it-tielet domanda għandha tinftiehem bħala li tistaqsi dwar l-eżistenza ta' obbligu possibbli, li jirriżulta mid-dirtt tal-Unjoni, tal-Istati Membri li jippermettu rikors għal reviżjoni, bħala rimedju straordinarju previst mid-dritt nazzjonali, f'każ bħal dak ineżami fil-kawża prinċipali. Permezz tas-sitt domanda, il-qorti tar-rinviju qiegħda tfittex li ssir taf jekk ir-rikwiżit ta' ekwivalenza jitlobx li tiġi permessa reviżjoni meta deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja allegatament ma tteħditx inkunisderazzjoni korrettament fil-kawża prinċipali fuq il-mertu, iżda meta, fl-istess ħin, id-dritt nazzjonali apparentement jippermetti rikors għal reviżjoni fil-każ simili ta' sentenza (ġdida) tal-Qorti Kostituzzjonali.

79. Għalhekk, id-domanda magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja hija effettivament jekk id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, teħtieġx il-"ftuħ mill-ġdid" ta' deċiżjoni ġudizzjarja finali sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni sentenza preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja li (allegatament) ma kinitx ittieħdet kompletament inkunsiderazzjoni fil-kontenzjuż fuq il-mertu.

80. Fil-fehma tiegħi, ir-risposta għal din id-domanda hija le.

1. Il-portata tal-obbligu għall-ftuħ mill-ġdid ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji finali

81. Kif deskritt fit-taqsima preċedenti ta' dawn il-konklużjonijiet, il-qrati nazzjonali għandhom obbligu li jimplimentaw ir-risposta mogħtija għal talba għal deċiżjoni preliminari li huma stess ikunu ressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (is-saħħa vinkolanti *inter partes*). Barra minn hekk, dawn għandhom ukoll jirrispettaw il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-interpretazzjoni jew tal-validità tad-dritt tal-Unjoni li huma aditi bih fil-kawża ineżami (l-effetti vinkolanti *erga omnes*). Id-denominatur komuni f'dawn iż-żewġ każijiet huwa li d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni *jeżistu* fil-mument meta l-qorti nazzjonali tiddeċiedi.

82. Għall-kuntrarju, ma hemm, bħala prinċipju, l-ebda obbligu skont id-dritt tal-Unjoni ta' *ftuħ mill-ġdid* ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji nazzjonali finali li ngħataw *qabel* deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' talba għal deċiżjoni preliminari, anki jekk il-ftuħ mill-ġdid tal-kawża jkun jagħmilha possibbli li tiġi rrimedjata sitwazzjoni nazzjonali li ma hijiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

83. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' ċertezza legali u l-emanazzjoni tiegħu, il-prinċipju ta' *res judicata* [34], it-tnejn huma ta' importanza assoluta kemm fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni kif ukoll fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali [35]. Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dritt tal-Unjoni ma jeżiġix li, sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni rilevanti ta' dan id-dritt adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja wara d-deċiżjoni ta' korp ġudizzjarju li jkollha l-awtorità ta' *res judicata*, dan għandu, bħala prinċipju jirriforma din id-deċiżjoni [36]. Għalhekk, b'mod ġenerali, ma hemm l-ebda obbligu ta' ftuħ mill-ġdid ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji finali inkompatibbli ma' sentenza *sussegwenti* tal-Qorti tal-Ġustizzja.

34 Sentenza tal-1 ta' Ġunju 1999, Eco Swiss (C-126/97, EU:C:1999:269, punt 46).

35 Għal eżempju reċenti, ara s-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2018, XC *et* (C-234/17, EU:C:2018:853, punt 52). Ara wkoll is-sentenzi tat-30 ta' Settembru 2003, Köbler (C-224/01, EU:C:2003:513, punt 38); tas-16 ta' Marzu 2006, Kapferer (C-234/04, EU:C:2006:178, punt 20); tal-10 ta' Lulju 2014, Impresa Pizzarotti (C-213/13, EU:C:2014:2067, punt 58); jew tas-6 ta' Ottubru 2015, Târșia (C-69/14, EU:C:2015:662, punt 28).

36 Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-10 ta' Lulju 2014, Impresa Pizzarotti (C-213/13, EU:C:2014:2067, punt 60); u tas-6 ta' Ottubru 2015, Târșia (C-69/14, EU:C:2015:662, punt 38).

84. Huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet żewġ eċċezzjonijiet għall-prinċipju li deċiżjonijiet finali ma għandhomx jinfetħu mill-ġdid sabiex jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni.

85. L-ewwel sitwazzjoni ta' eċċezzjoni li tirriżulta mill-kawża Kühne & Heitz, hija l-obbligu, impost fuq korpi *amministrattivi*, li jistħarrġu deċiżjonijiet amministrattivi finali sabiex jieħdu inkunsiderazzjoni interpretazzjoni sussegwentement mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, fejn ċerti kundizzjonijiet jiġu ssodisdfatti [37]. Madankollu, din l-eċċezzjoni tinvolvi biss obbligu li jinfetħu mill-ġdid deċiżjonijiet *amministrattivi* finali, u mhux deċiżjonijiet ġudizzjarji [38].

86. It-tieni sitwazzjoni ta' eċċezzjoni ġiet stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Lucchini, fejn iddeċidiet li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li kellha l-għan li tistabbilixxi l-prinċipju ta' *res judicata* sa fejn l-applikazzjoni tagħha tostakola l-irkupru ta' għajnuna mogħtija mill-Istat bi ksur tad-dritt tal-Unjoni [39]. Ir-raġuni bażika ta' din l-eċċezzjoni kienet li, minħabba li d-deċiżjoni nazzjonali kienet ġiet adottata bi ksur tat-tqassim ta' setgħat bejn l-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea, hija qatt ma setgħet tikseb l-effett ta' *res judicata*. Il-Qorti tal-Ġustizzja sussegwentement enfasizzat in-natura eċċezzjonali tal-kawża Lucchini, billi nnotat li kienet ġiet deċiża f'sitwazzjoni tassew partikolari relatata mat-tqassim tas-setgħat imsemmi iktar 'il fuq [40].

87. L-ebda waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet ma tidher li hija direttament rilevanti għall-kawża ineżami. Għalhekk, bħala punt tat-tluq, il-kawża ineżami ddur lura għar-regola ġenerali: ma hemm l-ebda obbligu ġenerali li jinfetħu mill-ġdid deċiżjonijiet ġudizzjarji finali sabiex dawn jinbidlu biex isiru kompatibbli ma' deċiżjoni sussegwenti tal-Qorti tal-Ġustizzja [41].

88. Madankollu, filwaqt li d-dritt tal-Unjoni ma jimponix obbligu fuq l-Istati Membri biex joħolqu rimedji ġodda [42], jekk id-dritt nazzjonali effettivament jipprevedi tali possibbiltà, mela allura din il-leġiżlazzjoni għandha tikkonforma mhux biss mar-rekwiżit ta' ekwivalenza, iżda wkoll mar-rekwiżit ta' effettività [43]. Huwa għalhekk neċessarju li wieħed idur għar-rimedju ta' reviżjoni skont id-dritt nazzjonali.

2. Reviżjoni skont id-dritt nazzjonali

89. Skont id-dritt Ungeriż, ir-reviżjoni tidher li hija rregolat mit-Taqsima 260(1)(a) u (2) tal-Kodiċi Proċedurali Ċivili. Skont il-Gvern Ungeriż, ir-regoli dwar ir-reviżjoni ma humiex applikabbli f'kawżi bħal dik ineżami peress li dan ir-rimedju għandu biss l-għan li jieħu inkunsiderazzjoni elementi *fattwali* ġodda, u mhux elementi *legali* ġodda. Għall-kuntrarju, Hochtief Hungary ssostni li reviżjoni tista' sservi biex tiġi implimentata deċiżjoni preliminari li kienet ingħatat mill-Qorti tal-Ġustizzja matul il-kawża prinċipali, iżda li ma kinitx ittieħdet inkunsiderazzjoni għal raġunijiet proċedurali. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni tħalli f'idejn il-qorti tar-rinviju biex tiddetermina jekk it-Taqsima 260(1) tal-Kodiċi Proċedurali Ċivili tawtorizzax reviżjoni fil-każ fejn qrati nazzjonali ma ħadux inkunsiderazzjoni kif suppost deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja.

37 Ara s-sentenza tat-13 ta' Jannar 2004 (C-453/00, EU:C:2004:17, punt 28).

38 Ara s-sentenza tas-16 ta' Marzu 2006, Kapferer (C-234/04, EU:C:2006:178, punt 23).

39 Sentenza tat-18 ta' Lulju 2007 (C-119/05, EU:C:2007:434, punt 63).

40 Sentenza tal-10 ta' Lulju 2014, Impresa Pizzarotti (C-213/13, EU:C:2014:2067, punt 61).

41 Dan, sa fejn naf jien, huwa tabilħaqq prinċipju ġenerali tad-dritt, komuni fl-Istati Membri, peress li fl-ordinamenti ġuridiċi nazzjonali li jien konxju dwarhom, bidla (kjarifika jew tbegħid minn) sussegwenti fil-ġurisprudenza ta' qorti ogħla/suprema ma hijiex normalment ikkunsidrata li hija raġuni suffiċjenti għall-ftuħ mill-ġdid ta' deċiżjonijiet finali preċedenti li fihom opinjoni legali preċedenti ġiet applikata.

42 Sentenza tal-24 ta' Ottubru 2018, XC *et* (C-234/17, EU:C:2018:853, punt 51).

43 Ara pereżempju s-sentenzi tal-10 ta' Lulju 2014, Impresa Pizzarotti (C-213/13, EU:C:2014:2067, punt 62), u tas-6 ta' Ottubru 2015, Târşia (C-69/14, EU:C:2015:662, punt 30).

90. Jiena naqbel ħafna mal-pożizzjoni tal-Kummissjoni. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha, bħala l-unika interpreta awtorevoli tad-dritt nazzjonali, tiddetermina jekk, skont dawn ir-regoli, rikors għal reviżjoni jistax ikun possibbli f'kawża fejn deċiżjoni preliminari, li kienet diġà teżisti meta ngħatat id-deċiżjoni finali fuq il-mertu, allegatament ma kinitx ittieħdet inkunsiderazzjoni kif suppost.

91. Hawnhekk ser nesprimi żewġ rimarki. Sa fejn naf jien fir-rigward ta' x'jinvolvi ġeneralment ir-rimedju (straodinarju) ta' reviżjoni, it-tendenza hija li dan ikun limitat għal kawżi fejn, wara li deċiżjoni nazzjonali ssir finali, jirriżulta li ċerti fatti ma kinux jew ma setgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-qorti nazzjonali meta ħadet din id-deċiżjoni.

92. Tkun kemxejn sorpriża jekk din il-loġika tiġi applikata għal sentenza interpretattiva tal-Qorti tal-Ġustizzja li kienet teżisti u kienet magħrufa fil-mument meta ngħatat id-deċiżjoni preċedenti fuq il-mertu. L-ewwel nett, tali deċiżjoni ċertament ma hijiex *fatt* ġdid. It-tieni nett, din id-deċiżjoni, bla dubju kienet teżisti u kienet magħrufa fil-mument tad-deċiżjoni oriġinali fuq il-mertu, għalhekk diffiċilment setgħet tiġi kklassifikata bħala xi ħaġa *ġdida* li ġiet żvelata biss iktar tard.

93. Għalhekk, *prima facie* u fuq nozzjoni ġenerali ta' x'tinvolvi normalment reviżjoni, huwa diffiċli li wieħed jara kif dan ir-rimedju straordinarju għandu jintuża biex jirrimedja nuqqasijiet allegati fl-applikazzjoni proprja ta' gwida *legali* interpretattiva li b'mod ċar kienet teżisti u *kienet magħrufa* meta ngħatat id-deċiżjoni nazzjonali oriġinali.

3. Ekwivalenza għal ilmenti kostituzzjonali?

94. Madankollu, f'dan il-kuntest għandu jiġi indirizzat argument addizzjonali: l-*ekwivalenza* ssuġġerita fir-rigward tal-ilmenti kostituzzjonali. Skont Hochtief Hungary, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża ineżami kellha tiġi awtorizzata reviżjoni, fuq il-bażi li deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja ma tteħditx inkunsiderazzjoni, minħabba li d-dritt nazzjonali jipprevedi reviżjoni fil-każ fejn l-Alkotmánybíróság (il-Qorti Kostituzzjonali) sussegwentement tiddikjara bħala mhux kostituzzjonali regola li ġiet applikata minn qorti ordinarja fid-deċiżjoni ġudizzjarja finali tagħha. Huwa f'dan il-kuntest li l-qorti nazzjonali tirreferi, fis-sitt domanda, għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Transportes Urbanos y Servicios Generales.

95. Huwa minnu li l-kawża Transportes Urbanos y Servicios Generales għandha xi similaritajiet għall-kawża ineżami. F'dik id-deċiżjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-prinċipju ta' ekwivalenza, ipprekluda l-applikazzjoni ta' regola li skontha rikorsi għad-danni kontra l-Istat, ibbażati fuq ksur tad-dritt tal-Unjoni kkonstatat minn sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, kienu suġġetti għal kundizzjoni li teħtieġ eżawriment minn qabel ta' rimedji kontra miżura amministrattiva dannuża, meta dawn ir-rikorsi ma kinux suġġetti għal tali kundizzjoni fejn dawn allegaw ksur tal-Kostituzzjoni kkonstatat mill-Qorti Kostituzzjonali [44]. Madankollu, għandu jiġi nnotat li l-Qorti tal-Ġustizzja waslet għal din il-konklużjoni wara li kienet osservat li l-*unika* differenza bejn dawn iż-żewġ rikorsi kien il-fatt li l-ksur tad-dritt li fuqu kienu bbażati ġie kkonstatat rispettivament, mill-Qorti tal-Ġustizzja u mill-Qorti Kostituzzjonali. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li dan il-fatt waħdu, *fl-assenza ta' kwalunkwe differenza oħra* bejn iż-żewġ rikorsi, ma kienx biżżejjed sabiex jistabbilixxi distinzjoni bejniethom fir-rigward tal-prinċipju ta' ekwivalenza [45].

96. Riċentement, fil-kawża XC *et*, il-Qorti tal-Ġustizzja insistiet fuq l-importanza ta' similarità ċara bejn ir-rikorsi inkwistjoni, f'termini *tas-suġġett tal-kawża kif ukoll tal-punti essenzjali* tagħhom, sabiex il-prinċipju ta' ekwivalenza isir applikabbli [46]. Il-Qorti tal-Ġustizzja sussegwentement eżaminat, fid-dawl ta' dawn l-elementi, jekk rikors li jippermetti reviżjoni ta' proċedura kriminali, magħluq minn

44 Sentenza tas-26 ta' Jannar 2010 (C-118/08, EU:C:2010:39, punti 46 u 48).

45 Sentenza tas-26 ta' Jannar 2010, Transportes Urbanos y Servicios Generales (C-118/08, EU:C:2010:39, punti 43 u 44).

46 Sentenza tal-24 ta' Ottubru 2018, XC *et* (C-234/17, EU:C:2018:853, punt 27).

deċiżjoni li kisbet is-saħħa ta' *res judicata*, fuq il-bażi ta' konstatazzjoni sussegwenti ta' ksur tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jew ta' wieħed mill-protokolli tagħha, minn naħa, u rikors għall-protezzjoni tad-drittijiet li individwi jidderivaw mid-dritt tal-Unjoni, min-naħa l-oħra, jistgħux jitqiesu bħala rikorsi simili.

97. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li d-differenzi bejn dawn ir-rikorsi kienu tali li ma setgħux jitqiesu bħala simili. Din innotat b'mod partikolari li l-ewwel rikors kien essenzjalment maħluq sabiex jippermetti l-ftuħ mill-ġdid ta' deċiżjonijiet li għandhom is-saħħa ta' *res judicata*. Għall-kuntrarju, il-qafas kostituzzjonali tal-Unjoni Ewropea jiggarantixxi lil kull persuna l-possibbiltà li tikseb il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet mogħtija lilha mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni anki qabel tkun ittieħdet deċiżjoni nazzjonali li jkollha l-awtorità ta' *res judicata*[47].

98. B'mod simili għal kawża XC *et*, id-dispożizzjoni nazzjonali invokata fil-kawża ineżami li tippermetti l-ftuħ mill-ġdid ta' sentenza nazzjonali finali bħala riżultat ta' deċiżjoni ġdida tal-Qorti Kostituzzjonali, hija konsegwenza tal-mekkaniżmu ta' stħarriġ kostituzzjonali, kif stabbilit fit-Taqsima 361(a) tal-Kodiċi Proċedurali Ċivili. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni, li tistabbilixxi rimedju eċċezzjonali li jippermetti li tittieħed inkunsiderazzjoni deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, tista' biss tintuża fir-rigward tas-sentenza speċifika li, ladarba saret finali, tat lok għal ilment kostituzzjonali. Fi kliem ieħor, f'kawżi li fihom tali stħarriġ kostituzzjonali (astratt) huwa possibbli biss wara deċiżjoni ġudizzjarja finali, l-unika mod biex jiġi rifless dan l-istħarriġ kostituzzjonali u potenzjalment jitneħħa n-nuqqas ta' kostituzzjonalità fil-kawża individwali huwa billi tinfetaħ mill-ġdid.

99. Il-mekkaniżmu u l-loġika ta' dan ir-rekwiżit għall-ftuħ mill-ġdid ta' sentenza huwa differenti ħafna mill-mekkaniżmu ta' deċiżjoni preliminari, li skont id-definizzjoni tiegħu jopera waqt li l-proċedura nazzjonali tkun għadha pendenti u qabel ma tkun ittieħdet xi deċiżjoni nazzjonali finali. Għalhekk, ma hemm l-ebda bżonn li deċiżjoni finali tinfetaħ mill-ġdid sabiex tittieħed inkunsiderazzjoni l-gwida tal-Qorti tal-Ġustizzja.

100. Għal dawn ir-raġunijiet, kif argumentajt reċentement f'iktar dettall fil-kawża Călin, l-eżekuzzjoni u l-effetti vinkolanti *inter partes* ta' deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja minn naħa, u ta' sentenza ta' qorti kostituzzjonali nazzjonali dwar stħarriġ kostituzzjonali min-naħa l-oħra (jew, f'dan ir-rigward, ta' deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawża fuq livell nazzjonali li twassal għal ilment) huma rimedji strutturalment differenti[48]. L-għan tagħhom, is-suġġett tal-kawża kif ukoll il-karatteristiċi essenzjali huma sempliċement differenti.

101. Jista' jingħad ukoll li s-sitwazzjoni tista' tkun differenti jekk id-dritt nazzjonali kellu jippermetti stħarriġ *preliminari* tal-kostituzzjonalità b'rinviju minn qorti nazzjonali lill-Alkotmánybíróság (il-Qorti Kostituzzjonali). F'dan ir-rigward, jekk qiegħed nifhem l-argument sew, il-Gvern Ungeriż fis-seduta deher li qiegħed jissuġġerixxi li reviżjoni kienet ukoll awtorizzata jekk id-deċiżjoni tal-Alkotmánybíróság (il-Qorti Kostituzzjonali) ma ngħatatx *wara* deċiżjoni ġudizzjarja finali fil-kawża prinċipali iżda *qabilha*, f'din il-proċedura fuq il-mertu[49].

102. Ikolli nammetti li nħossni kemxejn mitluf dwar dan il-punt. Jekk dan huwa l-każ, u fil-fatt numru ta' ordinamenti kostituzzjonali nazzjonali jirrikonoxxu (ukoll) stħarriġ preliminari tal-kostituzzjonalità, tipikament azzjonat permezz ta' rinviju minn qorti (ordinarja) nazzjonali, insibha diffiċli biex nara kif ir-regoli dwar ir-reviżjoni jkunu rilevanti għal tali kawżi. Pjuttost li x'aktarx wieħed jassumi li, wara tali rinviju preliminari dwar il-kostituzzjonalità, il-qorti ordinarja tistenna d-deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali u sussegwentement, ladarba tingħata din id-deċiżjoni, issolvi t-tilwima oriġinali filwaqt

47 Sentenza tal-24 ta' Ottubru 2018, XC *et* (C-234/17, EU:C:2018:853, punti 33, 46 u 47).

48 Ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Călin (C-676/17, EU:C:2019:94, punti 66 sa 79).

49 Għandu jiġi nnotat f'dan ir-rigward li t-Taqsima 260(1)(a) tal-Kodiċi Proċedurali Ċivili fil-fatt ma tirreferix biss għal fatti ġodda iżda wkoll għal "kwalunkwe deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva finali" bħala kundizzjonijiet għall-preżentata ta' rikors għal reviżjoni. X'tinvolvi eżatt dik il-parti tal-frażi hija għal darba oħra kwistjoni f'idejn il-qorti nazzjonali.

li timplimenta s-sentenza tal-qorti kostituzzjonali nazzjonali. Jekk dan huwa l-każ, mela tali stħarriġ preliminari tal-kostituzzjonalità jista' fil-fatt ikun ekwivalenti b'mod funzjonali għal talba għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, ftit li xejn ikun hemm bżonn għalhekk ta' xi regoli speċifiċi dwar ir-reviżjoni għal dan it-tip ta' proċedura.

103. Minkejja dan, jekk il-qorti tar-rinviju kellha tikkonstata li (i) ir-regoli nazzjonali dwar ir-rikors għal reviżjoni effettivament jinkludu wkoll deċiżjonijiet tal-Alkotmánybíróság (il-Qorti Kostituzzjonali) mogħtija matul il-kawża prinċipali, jiġifieri, qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali fuq il-mertu minn qorti ordinarja, u li (ii) fl-applikazzjoni tal-kriterji li jikkonċernaw ir-rekwiżit ta' ekwivalenza deskritt f'din it-taqsima, tali tip ta' stħarriġ huwa fil-fatt ekwivalenti għall-implimentazzjoni ta' deċiżjoni preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fuq talba għal deċiżjoni preliminari, mela allura r-rekwiżit ta' ekwivalenza jkun jeħtieġ li reviżjoni tkun ukoll awtorizzat f'din l-aħħar tip ta' sitwazzjoni.

4. Applikazzjoni diretta jew indiretta tas-sentenza Kühne & Heitz?

104. Punt finali li għandu jiġi indirizzat b'rabta mar-reviżjoni jikkonċerna l-kawża Kühne & Heitz [50]. Dik id-deċiżjoni ġiet fil-fatt ikkwotata kemm-il darba mill-qorti tar-rinviju, kif ukoll mill-partijiet fil-proċedura bil-miktub u f'dik orali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

105. L-imsemmija kawża stabbilixxiet obbligu, skont id-dritt tal-Unjoni li jsir eżami mill-ġdid ta' deċiżjonijiet amministrattivi finali jekk (i) il-korp amministrattiv għandu, skont id-dritt nazzjonali, is-setgħa li jbiddel din id-deċiżjoni; (ii) id-deċiżjoni inkwistjoni tkun saret definittiva permezz ta' sentenza ta' qorti nazzjonali li tiddeċiedi fl-aħħar istanza; (iii) l-imsemmija sentenza hija, fid-dawl ta' ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja sussegwenti għaliha, ibbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tad-dritt Komunitarju adottata mingħajr ma jkun sar rinviju għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja taħt il-kundizzjonijiet previsti, u (iv) il-persuna kkonċernata tkun ikkuntattjat lill-korp amministrattiv immedjatament wara li tkun saret taf bl-imsemmija ġurisprudenza [51].

106. Filwaqt li Hochtief Hungary affermat li din il-ġurisprudenza għandha wkoll tapplika *b'analoġija* għal deċiżjonijiet ġudizzjarji finali, il-Kummissjoni ssuġġeriet fis-seduta li applikazzjoni *diretta* ta' din il-loġika tista' forsi tiġi kkontemplata fir-rigward tad-deċiżjoni (amministrattiva) tal-Kumitat Arbitrali. Ser neżamina ż-żewġ xenarji f'din is-subtaqsima.

107. L-ewwel nett, fir-rigward ta' applikazzjoni potenzjali b'analoġija (jew b'estensjoni) tas-sentenza Kühne & Heitz għall-kawża ineżami, il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dik is-sentenza ċertament huma intiżi għal xenarju differenti u pjuttost speċifiku, jiġifieri l-ftuħ mill-ġdid ta' deċiżjoni *amministrattiva*, u mhux ġudizzjarja, finali, wara deċiżjoni preliminari *sussegwenti* tal-Qorti tal-Ġustizzja.

108. Anki li kieku kellu jiġi preżunt li l-istess loġika tista' tapplika għal deċiżjonijiet *ġudizzjarji* finali [52], mill-inqas l-ewwel u t-tielet kundizzjoni stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dik is-sentenza xorta ma jkunux issodisfatti: skont id-dritt nazzjonali, ir-reviżjoni hija ċertament rimedju disponibbli, iżda mid-dehra ma hijiex imfassla biex tkopri t-tip ta' sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża ineżami; barra minn hekk, id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja ma kinitx sussegwenti għad-deċiżjoni ġudizzjarja finali, iżda ġiet mogħtija *qabilha*.

50 Sentenza tat-13 ta' Jannar 2004 (C-453/00, EU:C:2004:17).

51 Ara s-sentenza tat-13 ta' Jannar 2004, Kühne & Heitz (C-453/00, EU:C:2004:17, punt 28).

52 Din kieku diġà tkun qabża kbira: kif deskritt iktar 'il fuq (punti 82 sa 87 ta' dawn il-konklużjonijiet), għall-kuntrarju tal-applikazzjoni amministrattiva (żbaljata) potenzjali tad-dritt tal-Unjoni, l-approċċ tal-Qorti tal-Ġustizzja minn dejjem kien iktar kawt fir-rigward tal-bilanċ bejn iċ-ċertezza legali (u r-*res judicata*) u r-rekwiżit ta' eżekuzzjoni effettiva tad-dritt tal-Unjoni applikat għal deċiżjonijiet ġudizzjarji, li xaqilbet iktar lejn l-ewwel naħa.

109. Barra minn hekk, għalkemm mhux iddikjarat b'mod espliċitu bħala waħda mill-kundizzjonijiet, l-obbligu ta' ftuħ mill-ġdid ta' deċiżjonijiet amministrattivi nazzjonali stabbilit fil-kawża Kühne & Heitz minn dejjem kellu x-xeħta ta' sanzjoni indiretta għan-nuqqas tal-qorti nazzjonali li tkun stħarrġet din id-deċiżjoni milli tikkonforma ruħha mal-obbligu li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari. Għall-kuntrarju, fil-kawża ineżami l-*Fővárosi Ítélőtábla* (il-Qorti tal-Appell Reġjonali tal-Belt ta' Budapest) effettivament ressqet tali talba.

110. Fl-aħħar nett u fuq nota sussidjarja, jekk is-sentenza Kühne & Heitz tinqara fid-dawl tal-approċċ iktar riċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-ftuħ mill-ġdid ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji fil-kawża XC *et*, mela allura l-ewwel kawża jkollha fil-fatt tibqa' l-eċċezzjoni applikabbli għal awtoritajiet amministrattivi biss. Fil-fatt, id-direzzjoni meħuda fil-kawża XC *et* tikkonferma li fl-interazzjoni bejn, minn naħa, l-eżekuzzjoni effettiva tad-dritt tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, l-osservanza tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' finalità ta' deċiżjonijiet (ġudizzjarji), il-bilanċ ċertament ixaqleb lejn din tal-aħħar.

111. Għalhekk, inqis li kwalunkwe estensjoni ulterjuri tas-sentenza Kühne & Heitz (jew l-applikazzjoni tagħha b'analoġija għal deċiżjonijiet *ġudizzjarja* finali) ma hijiex neċessarja.

112. It-tieni nett, lanqas fir-rigward tas-suġġerimenti tal-Kummissjoni ta' applikazzjoni *diretta* tas-sentenza Kühne & Heitz fil-kuntest tal-kawża ineżami permezz ta' ftuħ mill-ġdid tad-deċiżjoni *amministrattiva* finali, jiġifieri dik tal-Kumitat Arbitrali [53], ma jien konvint. Apparti l-fatt li din bl-ebda mod ma hija inkwistjoni, u fid-dawl ta' nuqqas ta' informazzjoni dwar ir-regoli tad-dritt nazzjonali potenzjali li jipprevedu l-ftuħ mill-ġdid ta' deċiżjonijiet amministrattivi, jidher li l-fatti tal-kawża ineżami huma sostanzjalment differenti mill-fatti fil-kawża Kühne & Heitz.

113. Fil-kawża Kühne & Heitz, il-kwistjoni tal-eżistenza ta' obbligu eventwali li sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tittieħed inkunsiderazzjoni tqajmet f'mument meta kemm il-proċedura amministrattiva u l-proċedura ġudizzjarja sussegwenti kienu magħluqa. Id-deċiżjonijiet kollha meħuda matul dawn il-proċeduri kienu għalhekk finali. Għall-kuntrarju, fil-kawża ineżami, id-deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja ngħatat f'mument meta l-proċedura amministrattiva biss kienet ingħalqet u għalhekk id-deċiżjoni amministrattiva kienet finali. Madankollu, il-proċedura ġudizzjarja kienet għadha pendenti. Għal din ir-raġuni, iżda wkoll b'teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi fattwali ta' din il-kawża, kif ikkonfermat mill-kundizzjonijiet iddettaljati stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Kühne & Heitz sabiex tiġġustifika l-obbligu għall-ftuħ mill-ġdid tad-deċiżjoni amministrattiva, jidher li dawn il-kundizzjonijiet ma humiex issodisfatti.

5. Konklużjoni intermedjarja

114. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, nikkonkludi li l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva ma jeħtieġx l-awtorizzazzjoni ta' reviżjoni, bħala rimedju straordinarju, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża ineżami, sabiex tiġi implimentata deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fil-kawża prinċipali li allegatament ma kinitx ittieħdet inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ f'dik il-proċedura fuq il-mertu. Madankollu, jekk ordinament nazzjonali jipprevedi rimedju li jippermetti l-possibbiltà jew saħansitra l-obbligu ta' ftuħ mill-ġdid ta' deċiżjonijiet finali mogħtija f'kawżi simili fil-livell nazzjonali, ir-rekwiżit ta' ekwivalenza jkun jeħtieġ li tali possibbiltà tkun ukoll miftuħa għal ksur relatat ma' deċiżjonijiet preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja preċedentement mogħtija fl-istess kawża.

53 Għandu jiġi nnotat li l-Kumitat Arbitrali jwettaq l-istħarriġ amministrattiv u għalhekk għandu funzjonijiet kważi ġuridiċi. Għalhekk, ma huwiex ċert jekk dan jistax jiġi kkaratterizzat bħala korp *amministrattiv* fis-sens tas-sentenza Kühne & Heitz. Iżda jekk il-korp amministrattiv kellu jkun l-awtorità kontraenti li effettivament mexxiet il-proċedura ta' sejħa għal offerti, l-istess loġika tista' tingħad li tapplika, iżda biss f'livell wieħed inqas.

D. Ir-responsabbiltà tal-Istat Membru

115. Finalment, permezz tal-ewwel, tat-tieni, tat-tmien u tal-għaxar domanda l-qorti tar-rinviju qiegħda tfittex gwida fuq numru ta' kwistjonijiet marbuta mat-tielet stadju tal-kontenzjuż nazzjonali, li jikkonċerna r-responsabbiltà potenzjali tal-Istat Membru.

116. Fil-kuntest tal-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-aspetti ġenerali tar-responsabbiltà tal-Istat Membru għas-sentenzi tal-qrati nazzjonali: Ir-responsabbiltà tal-Istat Membru għandha tiġi ddeterminata biss fuq il-bażi tad-dritt tal-Unjoni jew anki fuq il-bażi tad-dritt nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet li jistabbilixxu r-responsabbiltà? Fil-kuntest tat-tieni domanda, il-qorti tar-rinviju qiegħda tfittex li tiddetermina jekk, fil-każ ta' sentenza ta' qorti nazzjonali li tkun inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, ir-responsabbiltà tal-Istat Membru tistax tiġi stabbilita minkejja r-*res judicata* marbuta ma' din is-sentenza.

117. Ir-risposti ta' dawn iż-żewġ domandi jistgħu jiġu dedotti mill-ġurisprudenza b'ċerta faċilità.

118. Skont ġurisprudenza stabbilita, individwi li jinvokaw d-dritt tal-Unjoni għandu jkollhom il-possibbiltà li jiksbu, mingħand qorti nazzjonali, rimedju għad-dannu kkawżat mill-ksur ta' dawn id-drittijiet minn deċiżjoni ta' qorti tal-aħħar istanza [54].

119. F'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dawn huma tlieta, jiġifieri li d-dispożizzjoni legali miksura jkollha l-għan li tagħti drittijiet lill-individwi, li l-ksur ikun suffiċjentement serju u li teżisti rabta kawżali diretta bejn il-ksur tal-obbligu tal-Istat u d-dannu subit mill-persuni leżi [55].

120. Dawn it-tliet kundizzjonijiet huma neċessarji u suffiċjenti biex jistabbilixxu, bħala kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni, dritt favur individwi biex jiksbu rimedju. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu *kundizzjonijiet inqas stretti* sabiex issir applikabbli r-responsabbiltà tal-Istat. Bla ħsara għad-dritt għal kumpens għad-danni li huwa msejjes direttament fuq id-dritt tal-Unjoni meta dawn il-kundizzjonijiet huma ssodisfatti, l-Istat għandu jagħti kumpens għall-konsegwenzi tad-dannu kkawżat skont id-dritt nazzjonali dwar ir-responsabbiltà, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-kumpens għad-danni ma jkunux inqas favorevoli minn dawk dwar talbiet simili ta' natura domestika u ma jistgħux ikunu tali li jrendu l-ksib tal-kumpens impossibbli jew diffiċli ħafna fil-prattika [56].

121. Barra minn hekk, huwa ugwalment ċar mill-ġurisprudenza li l-prinċipju ta' *res judicata* definittiva ma jipprekludix ir-rikonoxximent tal-prinċipju tar-responsabbiltà tal-Istat għal deċiżjoni ta' qorti tal-aħħar istanza [57].

122. Għalhekk, bħala risposta għall-ewwel domanda r-responsabbiltà tal-Istat Membru tista' biss tiġi ddeterminata fuq il-bażi tal-kundizzjonijiet stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni, għalkemm id-dritt nazzjonali jista' jistabbilixxi kundizzjonijiet inqas stretti. Fir-rigward tat-tieni domanda, il-prinċipju ta' *res judicata* ma jipprekludix ir-rikonoxximent tal-prinċipju ta' responsabbiltà tal-Istat għal deċiżjoni ta' qorti tal-aħħar istanza.

54 Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-30 ta' Settembru 2003, Köbler (C-224/01, EU:C:2003:513, punt 36); tat-13 ta' Ġunju 2006, Traghetti del Mediterraneo (C-173/03, EU:C:2006:391, punt 31); u tat-28 ta' Lulju 2016, Tomášová (C-168/15, EU:C:2016:602, punt 20).

55 Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-30 ta' Settembru 2003, Köbler (C-224/01, EU:C:2003:513, punt 51); tat-13 ta' Ġunju 2006, Traghetti del Mediterraneo (C-173/03, EU:C:2006:391, punti 42 u 45); u tat-28 ta' Lulju 2016, Tomášová (C-168/15, EU:C:2016:602, punti 22 u 23).

56 Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-30 ta' Settembru 2003, Köbler (C-224/01, EU:C:2003:513, punti 57 u 58); tat-13 ta' Ġunju 2006, Traghetti del Mediterraneo (C-173/03, EU:C:2006:391, punti 44 u 45); u tat-28 ta' Lulju 2016, Tomášová (C-168/15, EU:C:2016:60, punt 38).

57 Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-30 ta' Settembru 2003, Köbler (C-224/01, EU:C:2003:513, punt 40); tat-28 ta' Frar 2018, ZPT (C-518/16, EU:C:2018:126, punt 22); u tal-24 ta' Ottubru 2018, XC *et* (C-234/17, EU:C:2018:853, punt 58).

123. Permezz tal-għaxar domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, skont il-prinċipji ta' responsabbiltà tal-Istat fid-dritt tal-Unjoni, danni (fil-forma ta' rimbors tal-ispejjeż legali sostnuti) jistgħux jintalbu għall-ħsara kkawżata mill-fatt li l-qorti tal-aħħar istanza rrifjutat li tiftaħ mill-ġdid il-kawża. Fi kliem ieħor, hemm xi limitazzjoni fir-rigward tat-*tip ta*' danni li jistgħu jintalbu għall-ksur allegat tad-dritt tal-Unjoni minn qorti tal-aħħar istanza?

124. L-inċertezza fir-rigward tas-sors eżatt tal-limitazzjonijiet li qiegħed isir riferiment għalihom fl-għaxar domanda kienet tneħħiet matul is-seduta, fejn kemm Hochtief Hungary u l-Gvern Ungeriż ikkonfermaw li dawn il-limitazzjonijiet irriżultaw mill-ġurisprudenza nazzjonali.

125. Ladarba ġie ċċarat is-sors tal-limitazzjonijiet fir-rigward tat-tip ta' danni li jistgħu jinġabru, jidher pjuttost ċar għalija li tali limitazzjonijiet ma humiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Huwa fil-fatt impossibbli li jiġu limitati d-danni li jistgħu jintalbu. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, ir-regoli dwar l-evalwazzjoni ta' dannu kkawżat minn ksur tad-dritt tal-Unjoni huma ddeterminati mid-dritt nazzjonali ta' kull Stat Membru, sakemm il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fil-qasam tal-kumpens għad-danni li jistabbilixxu dawn ir-regoli josservaw ir-rekwiżiti ta' ekwivalenza u ta' effettività [58]. Għalhekk, sakemm it-tliet kundizzjonijiet għar-responsabbiltà tal-Istat Membru, kif stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, ikunu ssodisfatti, mela allura *kwalunkwe u kull dannu* għandu jkun jista' jinġabar, inkluż l-ispejjeż legali.

126. Dan espost, filwaqt li t-tip ta' danni mitluba ma jistgħux jintużaw biex tiġi stabbilita "esklużjoni ġenerali" ta' ċertu tip ta' dannu *per se*, it-tip eżatt ta' dannu mitlub minn rikorrent ċertament ikun rilevanti fuq livell differenti, jiġifieri, għall-verifika ta' rabta kawżali diretta bejn id-dannu u l-"ksur suffiċjentement serju" tad-dritt tal-Unjoni li dwaru sar l-ilment.

127. Permezz tat-tmien domanda, il-qorti tar-rinviju qiegħda tfittex li ssir taf jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża ineżami, ir-rifjut minn qorti tal-aħħar istanza (il-konvenuta) li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari, fuq talba ta' parti, fir-rigward ta' jekk kellux ikun hemm reviżjoni jikkostitwixxix "ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni" li jista' jagħti lok għar-responsabbiltà tal-Istat Membru. Fit-tieni parti tad-domanda, il-qorti tar-rinviju tkompli tistaqsi sa fejn qorti nazzjonali għandha timmotiva d-deċiżjoni tagħha biex ma tirrinvijax fid-dawl tas-sentenza fil-kawża CILFIT [59].

128. Ir-risposta għal din id-domanda hija kemxejn iktar kumplessa.

129. Qabel kollox, għandu jitfakkar li ma huwiex ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja biex tiddeċiedi fuq ir-responsabbiltà potenzjali ta' Stat Membru f'kawża speċifika. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tagħti gwida fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kriterji tar-responsabbiltà, speċjalment dak ta' "ksur suffiċjentement serju" tad-dritt tal-Unjoni.

130. Barra minn hekk, jista' jkun utli wkoll li jitfakkar li jekk isirx jew le rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja huwa privileġġ esklużiv u responsabbiltà ta' qorti nazzjonali. Il-partijiet fil-kawża prinċipali jistgħu ovvjament jagħtu suġġeriment f'dan ir-rigward, iżda ma għandhom l-ebda dritt li jressqu talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja [60].

58 Ara, pereżempju, is-sentenza tat-28 ta' Lulju 2016, Tomášová (C-168/15, EU:C:2016:602, punti 38 u 39).

59 Sentenza tas-6 ta' Ottubru 1982, Cilfit *et* (283/81, EU:C:1982:335).

60 Ara, pereżempju, is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2010, Melki u Abdeli (C-188/10 u C-189/10, EU:C:2010:363, punt 63), u d-digriet tas-16 ta' Lulju 2015, Striani *et* (C-299/15, mhux ippubblikat, EU:C:2015:519, punt 33).

131. Issa li saru dawn il-kjarifiki preliminari, u għal darba oħra irrispettivament minn numru ta' dikjarazzjonijiet fattwali li l-qorti tar-rinviju inkludiet fid-domanda tagħha, li ma huwiex f'idejn il-Qorti tal-Ġustizzja biex tikkummenta dwarhom, id-domanda tal-qorti tar-rinviju ssemmi żewġ varjabbli oħra: l-"istandard Köbler" ta' "ksur suffiċjentement serju" u l-"istandard CILFIT" sabiex il-qrati tal-aħħar istanza jkunu eżentati milli jressqu talba għal deċiżjoni preliminari skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE.

132. L-"istandard Köbler" jadatta l-kundizzjoni ta' "ksur suffiċjentement serju" għal applikazzjoni żbaljata ġudizzjarja potenzjali tad-dritt tal-Unjoni. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġi ddeterminat jekk jeżistix ksur suffiċjentement serju, għandhom jitqiesu l-elementi kollha li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni li tinsab quddiem il-qorti nazzjonali. Fost l-elementi li jistgħu jitqiesu f'dan ir-rigward hemm, b'mod partikolari, il-grad ta' ċarezza u preċiżjoni tar-regola miksura, il-portata tal-marġni ta' diskrezzjoni li r-regola miksura tagħti lill-awtoritajiet nazzjonali, in-natura intenzjonali jew mhux volontarja tal-ksur imwettaq jew tad-dannu kkawżat, in-natura skużabbli jew mhux skużabbli ta' żball possibbli ta' liġi, iċ-ċirkustanza li l-pożizzjonijiet meħuda minn istituzzjoni tal-Unjoni setgħu kkontribwixxew għall-adozzjoni jew iż-żamma ta' miżuri jew ta' prassi nazzjonali li jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' eżekuzzjoni, mill-qorti inkwistjoni, tal-obbligu tagħha ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE. Fi kwalunkwe każ, ksur tad-dritt tal-Unjoni huwa meqjus suffiċjentement serju meta dan jitwettaq bi ksur manifest tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam [61].

133. L-"istandard CILFIT" jiffoka speċifikament fuq qrati tal-aħħar istanza u l-eventwali nuqqas tagħhom li josservaw l-obbligu li jirrinvijaw. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE, qorti li d-deċiżjonijiet tagħha ma humiex suġġetti għal rimedju ġudizzjarju taħt il-liġi nazzjonali hija marbuta, meta tqum kwistjoni tad-dritt Komunitarju quddiemha, li twettaq l-obbligu tagħha li tagħmel rinviju preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, sakemm ma tkunx ikkonstatat li d-domanda mqajma ma hijiex rilevanti jew li d-dispożizzjoni komunitarja inkwistjoni diġà kienet is-suġġett ta' interpretazzjoni min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja jew li l-applikazzjoni korretta tad-dritt tal-Unjoni hija tant ċara li ma hemmx lok għal ebda dubju raġonevoli. L-eżistenza ta' tali eventwalità trid tkun evalwata fil-funzjoni tal-karatteristiċi tad-dritt tal-Unjoni, diffikultajiet partikolari li jippreżentaw l-interpretazzjoni tagħhom u riskju ta' nuqqas ta' qbil tal-qrati fl-Unjoni [62]. Għalhekk, kull dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, inkluża l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam ineżami, għandha titqiegħed fil-kuntest tagħha u tiġi interpretata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet kollha ta' dan id-dritt, tal-għanijiet tiegħu u tal-istat ta' evoluzzjoni tiegħu fil-mument li fih għandha tiġi applikata d-dispożizzjoni inkwistjoni [63].

134. Ħafna jista' jinkiteb dwar il-bżonn ta' (i) interpretar mill-ġdid tas-sentenza CILFIT sabiex din terġa' ssir rilevanti (jekk, fil-fatt, din qatt kienet [64]); (ii) ċarezza dwar ir-relazzjoni eżatta bejn il-kundizzjonijiet Köbler u l-kundizzjonijiet CILFIT, u idealment li dawn jiġu integrati f'sħuħija waħda koerenti [65]; (iii) filwaqt li jiġu integrati u b'teħid inkunsiderazzjoni tal-istandard li għandu jiġi applikat għal nuqqasijiet potenzjali tal-qrati tal-aħħar istanza jekk imfittxija permezz ta' proċedura ta' ksur skont l-Artikolu 258 TFUE [66].

61 Ara, pereżempju, is-sentenzi tat-30 ta' Settembru 2003, Köbler (C-224/01, EU:C:2003:513, punti 54 sa 56), u tat-28 ta' Lulju 2016, Tomášová (C-168/15, EU:C:2016:602, punti 25 u 26).

62 Ara s-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 1982, Cilfit *et* (283/81, EU:C:1982:335, punt 21); tat-18 ta' Ottubru 2011, Boxus *et* (C-128/09 sa C-131/09, C-134/09 u C-135/09, EU:C:2011:667, punt 31), u tat-28 ta' Lulju 2016, Association France Nature Environnement (C-379/15, EU:C:2016:603, punt 50).

63 Ara, pereżempju, is-sentenza tat-28 ta' Lulju 2016, Association France Nature Environnement (C-379/15, EU:C:2016:603, punt 49).

64 Ma nistax ħlief nirreferi għall-kliem għaqli tal-Avukat Ġenerali Jacobs espressi diġà fl-1997 fil-kawża Wiener SI (C-338/95, EU:C:1997:352) f'dan ir-rigward. Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer fil-kawża Gaston Schul Douane-expediteur (C-461/03, EU:C:2005:415, punti 44 *et seq*).

65 B'mod partikolari fid-dawl ukoll ta' ġurisprudenza iktar riċenti li tidher li tħaddan approċċ iktar "liberali" għall-obbligu ta' rinviju - ara b'mod speċjali s-sentenza tad-9 ta' Settembru 2015, Ferreira da Silva e Brito *et* (C-160/14, EU:C:2015:565, punti 41 u 42).

66 Ara s-sentenza reċenti tal-4 ta' Ottubru 2018, Il-Kummissjoni vs Franza (Taxxa minn ras il-għajn) (C-416/17, EU:C:2018:811, punti 111 sa 113).

135. Madankollu, din ċertament ma hijiex il-kawża t-tajba sabiex isiru tali sforzi. Għall-finijiet tal-qorti tar-rinviju fil-kawża ineżami, huwa biżżejjed li jitfakkar li l-istandard, li skontu kwalunkwe tali kwistjoni potenzjali *ta' responsabbiltà tal-Istat* għandha tiġi evalwata, huwa dak tal-kriterji Köbler, deskritt iktar 'il fuq fil-punt 132 ta' dawn il-konklużjonijiet. Għal dawn il-finijiet, ma huwiex l-istandard CILFIT, iżda sempliċement "ksur manifest tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam"[67] li ser jammonta għal ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni. Il-fatt ta' jekk in-nuqqas tal-qorti nazzjonali inkwistjoni kienx tabilħaqq tant manifest li ammonta għal ksur sfaċċat tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jew billi naqset kompletament milli teżamina d-dritt tal-Unjoni jew billi interpretatu b'tali mod li manifestament ma jistax jiġi sostnut, hija, għal darba oħra, kwistjoni li għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju.

V. Konklużjoni

136. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi magħmula mis-Székesfehérvári Törvényszék (il-Qorti ta' Székesfehérvár, l-Ungerija) tkun kif ġej:

– L-Artikolu 4(3) TUE u l-Artikolu 267 TFUE jeħtieġu li qorti nazzjonali, fl-implimentazzjoni ta' deċiżjoni preliminari preċedentement mitluba lill-Qorti tal-Ġustizzja, timplimenta b'mod sħiħ il-gwida li tkun tinsab fiha. Jekk l-eżekuzzjoni tal-gwida tal-Qorti tal-Ġustizzja f'deċiżjoni preliminari teħtieġ li titwettaq evalwazzjoni ta' ċertu tip jew portata, li normalment ma titwettaqx fil-livell tal-qorti tar-rinviju inkwistjoni, l-imsemmija qorti hija obbligata jew li ma tapplikax ir-regoli proċedurali nazzjonali li jillimitaw il-kompetenza tagħha f'dan ir-rigward jew li tannulla u tirrinvija l-kawża f'livell ġudizzjarju jew anki amministrattiv xieraq sabiex titwettaq l-evalwazzjoni;

– Il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva ma jeħtieġx l-awtorizzazzjoni ta' reviżjoni, bħala rimedju straodinarju, sabiex tiġi implimentata deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja li allegatament ma kinitx ittieħdet inkunsiderazzjoni b'mod sħiħ fil-proċedura preċedenti fuq il-mertu li matulha ġiet mogħtija d-deċiżjoni preliminari. Madankollu, jekk id-dritt nazzjonali jipprevedi rimedju li jippermetti l-possibbiltà jew l-obbligu ta' ftuħ mill-ġdid ta' deċiżjonijiet finali mogħtija f'kawżi simili fil-livell nazzjonali, ir-rekwiżit ta' ekwivalenza jkun jeħtieġ li tali possibbiltà jew obbligu jkunu wkoll estiżi għal deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja preċedentement mogħtija fl-istess kawża;

– Ir-regoli u l-prinċipji tal-Unjoni dwar ir-responsabbiltà tal-Istat Membru għandhom jiġu interpretati bħala li jfissru:

  – dikjarazzjoni tar-responsabbiltà għal ksur tad-dritt tal-Unjoni minn qorti nazzjonali (tal-aħħar istanza) għandha tiġi bbażata fuq il-kriterji stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni;

  – il-prinċipju ta' *res judicata* marbut ma' deċiżjoni ta' qorti tal-aħħar istanza li kisret id-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix ir-rikonoxximent tar-responsabbiltà tal-Istat għal dan il-ksur;

  – id-dritt nazzjonali ma jistax jeskludi l-possibbiltà ta' ċerti tipi ta' danni li qegħdin jintalbu, li kieku kellu jiġi stabbilit li tali danni huma l-konsegwenza diretta ta' ksur suffiċjentement serju tad-dritt tal-Unjoni;

67 Sentenzi tat-30 ta' Settembru 2003, Köbler (C-224/01, EU:C:2003:513, punt 56); tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation (C-446/04, EU:C:2006:774, punt 214); tal-25 ta' Novembru 2010, Fuß (C-429/09, EU:C:2010:717, punt 52); u tat-28 ta' Lulju 2016, Tomášová (C-168/15, EU:C:2016:602, punt 26).

– ksur tad-dritt tal-Unjoni minn qorti tal-aħħar istanza li tirrifjuta li tirrinvija bi ksur tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE ikun suffiċjentement serju jekk dan ikun twettaq bi ksur manifest tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kwistjoni quddiem l-imsemmija qorti.